**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**REPUBBLIKA**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Illum, 13 ta' Frar 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti **n-Nutar Robert Aquilina (ID: 313178M) fil-kwalita tieghu ta' rapprezentant legali u gudizzjarju ta' REPUBBLIKA, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici (LPA-122),** intavolat nhar it-22 ta' Jannar 2025 li jikkonsisti f'appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar 2025, permeszz tal-Magistrat Dr Nadine Sant Lia, li fiha dik il-Qorti cahdet fl-intier tieghu r-rikors ta' sfida li REPUBBLIKA pprezentat in konnessjoni mar-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jmexxi kriminalment kontra diversi persuni li kontrihom kienet saret rakkomandazzjoni ta' azzjoni kriminali mill-Magistrat Inkwerenti Dr Ian Farrugia fl-gheluq tal-Inkjesta Magisterjali minn immexxija dwar l-operat tal-Pilatus Bank f'Malta.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Ir-rikorrenti qua sfidant n-nutar Robert Aquilina fil-kwalita' tieghu ta' President Onorarju u li ghandu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' Repubblika f'dawn il-proċeduri, assoċjazzjoni li hi reġistrata bħala persuna ġuridika mar-Reġistratur għal Persuni Guridiċi (LPA-122), ressaq rikors **ġuramentat** li fih jingħad:

1. Li r-rikorrent jaf *di scientiae propria* li ghall-ħabta ta' Marzu tas-sena 2021 il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali irċevew minghand il-Magistrat Inkwirenti kopja voluminuza tal-*proces verbal* tal-Inkjesta Magisterjali dwar l-Operat tal-Bank Pilatus.

2. Ir-rikorrent sar jaf *di scientiae propria* li l-Magistrat Inkwirenti fl-2021 ikkonkluda li kien hemm varji delitti li ġew magħmula u li sehhew in konnessjoni mal-investigazzjoni kriminali tieghu fuq attività kriminali u diversi delitti, inkluz hasil ta' flus, *trading in influence,* assocjazzjoni kriminali, dikjarazzjonijiet foloz lil awtorita' pubblika, kif ukoll il- kostituzzjoni, l-organizzazzjoni jew finanzjament ta 'ghaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' erba'snin jew iktar li sehhew permezz ta' diversi Diretturi u ufficjali tal-Pilatus Bank.

3. Ir-rikorrent sar jaf li l-konkluzjoni tal-Inkjesta Magisterjali per Magistrat Dr Ian Farrugia fil-bidu tal-2021 ordnat li jittiehdu passi kriminali in konnessjoni ma' ksur tal-Att dwar il- Prevenzjoni tal-Hasil tal-Flus (Kap.373 tal-Ligijiet ta 'Malta) **u taht il-Kodici Kriminali**, u dan kontra, fost ohrajn: **Mehmet Tasli** (imwieled 22.04.1975, ID 0028278A), ufficjal tal-Pilatus Bank (operations supervisor); **Rivera Luis Felipe** (imwieled 19.10.1981), Direttur u Company Secretary tal-Pilatus Bank; **Ali Sadr Hasheminejad** (Imwieled 9.02.1980, Passporti Iranjani Numri Z4378901 u H95647761, Passsport St Kitts and Nevis No RE0015587, ID ta ' Malta 0128714A, Residence Permit MT 9559470), Direttur u sid effettivament tal-Pilatus Bank; **Ghambari Hamidreza** (Imwieled

24.7.1984, Passport No R0096415 tar-Repubblika Domenikana), Direttur tal-Pilatus Bank u **Antoniella Gauci** (Imwielda 18.12.1985, Karta tal-Identita 0039786M), Accounting officer, Chief Risk Officer u Acting MLRO tal-Pilatus Bank.

4. Din l-Inkjesta Magisterjali **ordnat** lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali sabiex jinhargu akkuzi kriminali (sija taht il-Kap.373 **u** l-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) in konessjoni mal-fatti konstatati forensikament li l-persuni hawn fuq imsemmija u indikati mill-Magistrat Inkwirenti;

5. Ir-rikorrent kien ipprezenta *notitia criminis* fid-19 ta 'Jannar 2022 lill-Kummissarju tal- Pulizija li sa dakinhar ma kienx meta kriminalment kif kien ordnat, u kien ircieva *acknowledgemen*t biss. Kien ghalhekk li fid-19 t'April 2022 huwa rega kiteb ifakkar lill- Kummissarju tal-Pulizija li wara tliet xhur huwa lanqas biss kien mitkellem mill-Pulizija biex jinghata informazzjoni jew risposta ghan-notitia criminis tieghu tad-19 ta' Jannar 2022. U sal-lum hadd mill-Korp tal-Pulizija ma kelmu f'dan is-sens. U sal-llum l-akkuzi kriminali ghadhom mhux ipprezentati kontra dawk kollha indikati mill-Magistrat Inkwirenti u indikati fin-notitia criminis tal-esponent.

6. Kien ghalhekk li f'Gunju 2022 ir-rikorrent intavola l-procedura ta' sfida taht l-artiklu 541 tal-Kap.9 sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jmexxi l-proċeduri meħtieġa skond kif lilu indikat u ordnat mill-Magistrat Inkwirenti fl- Inkjesta Pilatus Bank maghluqa fl-2021, liema process verbal huwa altru minn prova prima facie kif irid l-artiklu 541(1) tal-Kodici Kriminali.

7. Kif inghad, l-Ewwel Qorti cahdet fl-intier it-talba tieghu bis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar 2025.

Qabel ma jghaddi ghall-elenku tal-aggravji, l-esponent jixtieq li jippreciza li minkejja li s- sentenza appellata inghatat fl-14 ta' Jannar 2025 meta dakinhar inqara d-*decide biss,* kien biss l-ghada 15 ta' Jannar 2025 tard filghodu li s-sentenza setghet tinghata lilu.

**L-ewwel aggravju**

L-appellant hu aggravat li l-Ewwel Qorti iddecidiet li ma kienx irnexxielu juri li hemm kaz *prima facie* kif indika fir-rikors guramentat tieghu, u dan minkejja li l-isfidant, b'mod straordinarju u provvidenzjali, kellu favurih u fil-fatt ippreżenta l-konkluzjoni u l-kontenut bl- evidenza ta' Inkjesta Magisterjali dwar l-operat tal-Bank Pilatus (li qatt ma kellha tkun maghrufa x'iddecidiet) li kienet ordnat il-passi kriminali (kif hawn fuq spjegat fl-elenku tal- fatti fil-qosor) u dan kif l-isfidant qal fir-rikors guramentat tieghu.

Quddiem l-ewwel Qorti l-esponent ipprezenta diversi dokumenti kunfidenzjali li kien fdat bihom fil-kapaċità ta 'attivist, gurnalist u Nutar Pubbliku.

L-esponent ser jelenka evidenza, mill-atti ta' din l-Inkjesta Magisterjali, inkonfutabbli u estensiva li huwa ipprezenta quddiem l-Ewwel Qorti, u li l-Ewwel Qorti jidher li skartat jew injorat, li turi li mhux biss fuq grad ta' *prima facie* imma fuq grad ta' certezza assoluta qal is- sewwa u li s-sewwa huwa li kien hemm **ordni** minn Magistrat li kellhom jitessqu '1 Qorti numru ta' persuni in konnessjoni ma' organizzazzjoni kriminali u assocjazzjoni kriminali u l- falz ideologiku, liema ordni l-Kummissarju tal-Pulizija ghadu sal-llum jirrifjuta li jobbdi:-

1. **Fol 75, 77-78: -** Kopja awtentikata tal-konklużjoni tal-Maġistrat Ian Farrugia fl-Inkjesta Pilatus

2. **Fol 76: -** Estratt mis-Summary of Recommendations tal-Independent Expert's Report tal-Inkjesta Pilatus

3. Mandati ta 'Arrest Ewropej u Mandati ta 'Arrest Internazzjonali fir-rigward tal-persuni barranin kollha li huma elenkati fir-rikors promotur tal-isfida;

4. **Fol 302-714: -** Rapport komplut ta 'Duff & Phelps datat 30 ta' Ġunju 2020 formanti parti mill-Inkjesta Pilatus

5. **Fol 717-719**: - Kopja awtentikata ta 'tlett emails interni tal-Korp tal-Pulizija

6. Rikorsi minn tlett Spetturi tal-Pulizija f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija b'talba ghall- ħruġ ta 'Mandati ta 'Arrest Ewropej u Mandati ta' Arrest Internazzjonali

7. Kopja ta' dokumeti ffirmati mill-Avukat Generali li permezz tagħhom l-Avukat Generali tat il-kunsens tagħha biex jinħarġu Mandati ta 'Arrest Ewropej u Mandanti ta' Arrest Internazzjonali.

8. **Fol 1011-1035**: Rapporti ta 'Duff & Phelps dwar kull wiehed u wahda mis-sitt persuni fizici indizjati mill-Magistrat Inkwirenti, b'sommarju tal-involviment u r-responsabbilitajiet kriminali ta' kull wieħed u waħda mill-persuni fizici indizjati. Dan ir-rapport gie abbraccjat kompletament mill-Magistrat Inkwirenti.

9. **Fol 735-737**: Printouts ta' emails interni tal-Korp tal-Pulizija.

L-esponent umilment jistaqsi: kemm-il darba kienet fl-istorja tal-artiklu 541 tal-Kap.9 li sfidant jipprezenta tali provi li juru, mhux fuq *bazi prima facie* imma fuq bazi ta' certezza assoluta, li hemm provi bizzejjed determinati minn Magistrat Inkwirenti biex jitressaqu '1 Qorti I-persuni indizjati u individwati minnu fl-isfida u l-Qorti tal-Magistrati xorta wahda qalet li ma kienx hemm bazi *prima facie*?

Izda minkejja dawn il-hemel provi, l-Ewwel Qorti qalet li ma kienx hemm bazi *prima facie* biex l-isfida tirnexxi.

L-esponent hu aggravat ferm b'din il-konkluzjoni li m'hijiex imsejsa fuq il-ligi u lanqas fuq il- logika.

Iktar minn hekk, l-isfida odjerna infethet permezz ta 'rikors **guramentat** mill-isfidant u allura qed jigi sottomess ukoll li l-kweżit previst mil-liġi gie sodisfatt bil-gurament tieghu.
It-tielet, bl-applikazzjoni tal-proviso li jinsab fl-Artikolu 541(1) hawn fuq citat, il-Qorti f'dan it-tip ta 'proċeduri tista' biss tiffissa somma ta' penali f'każ li l-isfidant ma jagħtix ix-xhieda tiegħu u ma jippreżentax il-provi li huwa ghandu f'idu.

Ħaġa li jidher ampjament li huwa ghamel quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' xhieda li ngħatat fis-segwenti dati:

20 ta' Lulju 2023

19 ta' Frar 2024

19 ta' Frar 2024 (darb'ohra)

22 ta' April 2024

Kif elenkat iktar 'il fuq, l-isfidant gab quddiem l-ewwel Qorti diversi dokumenti li waslu f'idu biex juru li kellha tittiehed l-azzjoni kriminali kontra l-persuni indizjati.

Ir-raba', kemm l-Artikolu 541 tal-Kap.9 u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament presjeduta diversi drabi interpretat u affermat x'hemm bżonn jiġi pruvat biex sfida tintlaqa'.

L-ewwel Qorti kellha tara li mill-provi prodotti quddiemha kemm mill-isfidant kif ukoll mill- Kummissarju tal-Pulizija, jekk kienx hemm *prima facie* lok ta' ordni kontra n-nuqqas t'azzjoni mill-Pulizija (biex tilqa' l-isfida).

Iżda l-ewwel Qorti ma għamiltx hekk u għaldaqstant qed jiġi intavolat dan l-appell.

**Evidenza *prima facie***

Bil-qima, l-esponent ha juri b'mod inkonfutabbli kif l-animu li kien qed jixpruna 'I Ewwel Qorti sfortunatament ghall-andament tal-Gustizzja u ghalih, ma hallihiex tkun oggettiva anke meta irreferiet ghal dak li l-esperti forensici fl-in genere" kienu ikkonkludew u li l-Magistrat Inkwirenti abbraccja.

Jekk il-Qorti joghgobha tkun tant gentili li tara **pagna 20 tas-sentenza,** issib hekk:

> *"Il-Qorti ezaminat <u>rapport maghmul minn esperti Duff & Phelps Limited</u> limitatament biss sabiex taghmel evalwazzjoni ta x'kiemu r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-hames suspettati stante li l-isfidant jaghmel enfasi fuq dawn ir-rakkomondazzjonijiet. Illi fil-parti tar- rakkomandazzjonijiet <u>**imkie**n</u> m'hemm imsemmi ebda mill-persuni li jifformaw parti mill-isfida"*

Dan assolutament mhux minnu.

Anzi bil-kontra.

Ir-rapport imsemmi tal-esperti forensici li gie f'idejn l-isfidant <u>**fil-fatt isemmil - persuni kollha li elenkati fl-isfida. Kollha.**</u>

L-esponent gentilment jistieden lil din 1-Onorabbli Qorti issaqsi lilha innifisha kif setghet Qorti tiehu zball hekk grossolan fuq xi haga miktuba iswed fuq l-abjad?

Din ma kienetx xi haga ta' interpretazzjoni soggettiva.

Din kienet xi haga jew vi jew va. Jew vit jew skorfina. Jew vera jew gidba Jew abjad jew iswed

Imma I-Ewwel Qorti lissnet dikjarazzjoni fis-sentenza taghha li m'ghandhiex mis-sewwa fattwali u oggettiv.

Għall-kompletezza fuq kemm l-esponent kien ezawrjenti dwar kemm l-Istat ma kien qed jagħmel xejn biex jigu arrestati l-persuni indizzjati mill-Magistrat Inkwirenti minhabba li anke fuq dan il-punt l-Ewwel Qorti donna riedet tiskulpa l-Pulizija mill-inerzja tagħhom, l-esponent jixtieq gentilment jistrada 'l din il-Qorti lejn **folio 988, 989 u 1001** biex il-Qorti tara kif fil-fatt huwa bil-gurament xehed li ma kienx qed isir dak kollu li kellu jsir mill-Pulizija biex anke l-mandati ta' arrest internazzjonali jkunu esegwiti (dan in vista ta' dak li l-Ewwel Qorti qalet li 1-Pulizija kienu "stagnati" milli jipprocedu).

"*Nutar Robert Aquilina: Infurmawni illi e iva mhux qed isir sforz serju biex dawn jigu, wiehed irid jifhem ukoll illi biex jigu infurzati arrest warrants ikun hemm ukoll bżonn sforz diplomatiku sikwit. Dak l-isforz diplomatiku mhuwiex qieghed isir."*

**Fol 989: -**

"*Nutar Robert Aquilina: Jien qed nghid il-Korp mhuwiex qiegħed e jagħmel sforz serju biex dawn l-arrest warrants jigu infurzati*

*Magistrat: And what do you, what you you mean by that?*

*Nutar Robert Aquilina: Le ghax dan sikwit jigri li johorgu dawn l-arrest warrants pero 'jkun hemm bżonn wiehed jigri wara awtoritajiet barranin biex dawk jigu infurzati u l-informazzjoni li ghandi jien hija li mhux ged isir dak l-isforz serju u allura de facto*"

**Fol 1001:**

"*Nutar Robert Aquilina: Fl-Italja sena ilu gie arrestat emm Matteo Messina Denaro. Dan kien hemm mhux European Arrest Warrant jew International Arrest Warrant pero 'dan ma rridux jinzertawh f'road block. Dawn riedu jieħdu inizjattiva serja l-anti-mafia Taljana li jmorru jfitxuh u jsibuh. Dik l- inizjattiva fir-rigward tal-persuni mhux*

*qed tittiehed. Kieki qagħdu jagħmlu kif qed jagħmel Anglu Gafa 'fir-rigward tal-persuni qatt ma kien jarrestawh u għalhekk Angelo Gafa 'qatt mhu se jarresthom lil dawn il-persuni sakemm ma jkun imgieghel minn din il-Qorti."*

Ghall-precizjoni, l-esponent appellant xehed bil-gurament xejn inqas minn 4 darbiet quddiem L-Ewwel Qorti:- 20 ta 'Lulju 2023, 19 ta' Frar 2024, 19 ta' Frar 2024 (darb'ohra) u 22 t' April 2024.

L-appellant huwa tal-umli fehma li din il-Qorti ghandha issib ix-xiehda tieghu f'dawn l-erba istanzi quddiem l-Ewwel Qorti li wahedhom, anke minghajr il-provi dokumentarji li huwa esebixxa, li jilhqu l-grad tal-*prima facie* fl-isfida imsemmija, imma li l-Ewwel Qorti skartat ingustament.

Fis-sentenza taghha, b'mod u ghal raguni li ma jistax jifhem l-appellant, l-Ewwel Qorti bhal donnha eppretendiet li hemm kriterju addizzjonali ma' dawk li hemm fl-artiklu 541 u cjoe li l- sifidant irid juri li jkun gera wara l-Kummissarju tal-Pulizija qabel ma jkun ipprezenta l-isfida tieghu.

Jekk wiehed jara **pagna 20** tas-sentenza appellata jsib li l-Ewwel Qorti tat importanza ghall- fatt li "*ma sar ebda kuntatt min naha taghhom wara li intbaghtet it-tieni ittra u minflok ghamlu pressjoni pubblika*".

L-appellant jirreferi ghal dak li johrog minn **folio 290 u 291** tal-process:-

"QORTI: Issa minn April 2022 s'issa x 'kien hemm iktar attentati min naha taghkom?

XHUD: ahna allura iddecidejna, fil-fatt ghamilna kawza ta' challenge, din l- isfida qegħdin naghmlu issa, sabiex tkun il-Qorti li.........

QORTI: imma minn dak il-hin ghamiltu kuntatti iktar ma' xi hadd mill-Korp?

XHUD: ghamilna pressjoni pubblika qawwija hafna permezz ta' diversi press conferences.

… …"

L-esponent ma jistax jifhem x'ippretendiet minnu l-Ewwel Qorti, bl-ikbar qima.

Mela kellek sfidant li:

Sar jaf b'konkluzjoni ta' Inkjesta Magisterjali (haga straordinarja u provvidenjzali minnha innifisha)

Kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija b'denunzja formali (u dan mhux dwar xi hajt tas-sejjiegh, imma fuq delitti gravi ta' organizzazioni kriminali fost ohrajn u wara Inkjesta li swiet b'kemm tiswa skola gdida biex tinbena).

Il-Kummissarju injoraha.

L-isfidant rega' kiteb, wara 3 xhur, 'l istess Kummissarju tal-Pulizija li rega' injorah.

L-isfidant taghmel protesta fit-toroq, inkluz quddiem il-Kwartieri Generali tal-Pulizija li kienet rappurtata mill-media b'mod estensiv u li l-esponent gentilment jitlob li l-Qorti tiehu judicial notice taghha.

Imbaghad l-isfidant fetah *challenge* fil-Qorti.

U minkejja dan kollu, bhal donnu l-Ewwel Qorti tat piz ghall-fatt li l-sifidant ma marx jitkarrab u jigri wara l-Kummissarju tal-Pulizija wara li kien kitiblu darbetjn u wara li

l-Kummissarju kien ilu fil-pussess ta' konkluzjonijiet ta' Inkjesta Magisterjali ghal iktar minn sena.

L-esponent huwa ferm aggravat b'dan ir-ragunar tal-Ewwel Qorti.

L-esponent, taht dan l-aggravju, issa ser juri kif l-Ewwel Qorti qalet ukoll kontradizzjoni fis- sentenza taghha.

**F'pagna 21** tas-sentenza, 1-Qorti tal-Maġistrati qalet

> "*Illi fl-atti tar-rikors **ma jirriżultax** li gie prezentat dak li jipprovdi* **Dok NP6** *ghar-rigward il-hames persuni koncernati u wisq anqas ma inghatat indikazzjoni ta 'liema proceduri kriminali u liema akkuzi jew imputazzjonijiet ghandhom ikunu mressqa.*"

Din l-affermazzjoni hija totalment inkonsistenti ma' dak li qalet l-istess Qorti aktar kmieni fis-sentenza, u cioe' li ma riditx assolutament tidhol fil-mertu u li riedet biss tkun taf x'iddeċieda l- Magistrat Inkwirenti u jekk dik id-deċiżjoni twasslitx ghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Apparti minn dan, fil-verità l-kontenut ta' Dok NP6 **fil-fatt ġie ippreżentat** fl-intier tiegħu, mill-bidu sal-ahhar, waqt il-kawża u **speċifikament ġie preżentat min-Nutar Robert Aquilina lill-Qorti fis-seduta miżmuma nhar it-22 ta 'April 2024 (Fol. 1011-1035, immarkati "Dok RA3", "Dok RA4", "Dok RA5", "Dok RA6", "Dok RA7" u "Dok RA8").**

Ir-rapport immarkat "**NP6**" ġie preżentat aktar minn darba waqt l-inkjesta dwar l-operat tal- Pilatus Bank (darbtejn minn tal-anqas).

Darba minnhom ġie mmarkat NP6 u darb'ohra ma ġiex immarkat.

Il-verżjoni tar-rapport li ġiet preżentata waqt il-kawża hi dik li ma kellix "NP6" miktuba fuqha bl-idejn, pero' hu ***l-istess rapport*** mill-bidu sal-ahhar.

Biex din il-Qorti tkun tista' tikkonferma dan il-fatt lil'hinn minn kwalunkwe dubbju, 1- appellant qed jippreżenta flimkien ma' dan ir-rikors kopja tar-rapport NP6 proprju mmarkat "NP6".

L-Ewwel Qorti lin-Nutar Aquilina qatt ma staqsietu waqt il-kawża jekk kienx ippreżenta d- dokument immarkat "NP6".

Kieku għamlet hekk kienu jiċċarawlha li kienu diga 'ippreżentaw dak ir-rapport fil-kawza tal- isfida.

Hasra u hazin li minflok, l-Ewwel Qorti arbitrarjament waslet ghall-konklużjoni li dak ir- rapport ma kienx ġie ippreżentat mill-isfidant.

Ftit punti mill-kazistika tal-arati taghna:

Din il-Qorti qajla jehtiegilha tkun imfakkra f'dak li kellha l-opportunità tiddikjara l-Qorti Kriminali fil-kawża ***Joseph Gaffarena vs il-Kummissarju tal-Pulizija*** li qalet hekk fuq il-bazi rikjesta fl-isfida:-

> "*Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-procedura tac-challenge u wara li semghet lid- difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2003, tosserva s-segwenti:*
>
> ***i.*** *L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f' dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il- kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-*

*delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni.* ***<u>Din il-Qorti tifhem li dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il kwerelant jitlob li jittiehdu passi.</u>***

***ii.*** *.......Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, il-procedura in kwistjoni m'ghandhiex isservi bhala a fishing expedition biex wiehed jipprova jara x'jirrizulta mill-provi (jekk jinstemghu provi, ghax il-Qorti tal-Magistrati tista' tiddispensa mis-smigh tal-provi) biex imbghad dik il-Qorti tiddeciedi hi id- delitt li fir-rigward tieghu il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tipprocedi. Fi kliem iehor,* ***id-delitt li dwaru jista' jsir l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Artikolu 541(1) irid ikun wiehed li jkun gie predikat b'mod car fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela."***

L-appellant jissottometti li dan hu ezatt dak li huwa ghamel:

Justpremetta **b'mod car** fid-denunzja tieghu, ma ghamilx *fishing expedition* tant li wera x'kien ikkonkluda I-Magistrat Inkwirenti (haga li rari li saret qabel f'*challen*ge), u kien <u>specifiku</u> fit- terminologija tar-reat fl-isfida, anke jekk skond din is-sentenza ma kienx obbligat li jkun tant specifiku.

F'dan il-każ l-esponent kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija nhar **19 ta' Jannar 2022** fejn talbu jieħu azzjoni kriminali kontra l-persuni msemmiha fil-konklużjoni tal-inkjesta Pilatus Bank.

Urih li jaf li kien hemm Inkjesta konkluza u kien jaf x'kienet ordnat.

Wara li għamel hekk hu rċieva biss "*acknowledgement*".

Wara li għaddew tliet xhur, huwa reġa' kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tal-posta elettronika jfakkar fir-rapport li kien ghamel.

Ir-risposta kienet skiet tombali mill-Pulizija, ghal darb'ohra.

L-esponent imbaghad, sitt xhur wara n-notitia criminis, ghadda biex jiftah il-proċeduri odjerni wara li saret pressjoni pubblika minnu fuq l-istess Kummissarju.

Sa dak il-punt, il-Kummissarju seta' mingħajr ma jiżvela xejn, jgħid lill-esponent li xi forma ta 'azzjoni kienet qed tittiehed u dan mingħajr bżonn li jiżvela xi sigriet tal-Istat.

Il-Kummissarju tal-Pulizija mhux talli ma ghamilx dan, talli injora kemm l-emails mibgħuta lilu kif ukoll id-diskors pubbliku li sar dwar dan il-każ mill-esponent.

Dan wassal biex l-esponent irrikorra ghand il-Qorti u intavola l-kawża ta'*challenge.*

L-esponent umilment jemmen li fuq dan l-aggravju biss, li huwa l-pern tac-*challenge* quddiem l-Ewwel Qorti li kellha l-barka tal-prova ta' konkluzjoni dettaljata ferm ta' Inkjesta Magisterjali, huwa kellu jinghata ragun mill-Ewwel Qorti.

L-esponent jemmen li lahaq u mar '1 hinn mill-bazi *prima facie* rikjesta mill-artiklu 541 tal- Kap.9 fil-jum tal-prezentazzjoni tal-isfida tieghu f'Gunju 2022.

**It-tieni aggravju**

Bir-rispett dovut, l-Ewwel Qorti wettqet spropozitu legali meta qalet fis-sentenza taghha, ghal iktar minn darba, li "*ma setghetx tifhem*" ghala ġiet intavolata din il-kawża ġaladarba inharġu l-mandati tal-arrest internazzjonali.

L-ewwel Qorti qalet hekk:

> "*Illi l-isfidant stess esebixxa dawn il-mandati u allura frankament ma jistax jinftiehem x'inhu l-iskop prezenti ta 'din l-isfida meta irrizulta b'mod car li l- awtoritajiet lokali huma fil-prezent stagnati milli iressquhom sakemm ikun hemm l-estradizzjoni lejn Malta minn awtoritajiet barranin li ghal kollox tiddependi minn gurisdizzjonijiet ohra.*

Mill-ewwel daqqa t'ghajn ghal din id-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti, l-appellant jissottometti li huwa ovvju ghala n-nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' mandati ta' arrest internazzjonali ma ghandhomx ikunu ta' xkiel u ostaklu ghall-intavolar tal-akkuzi:

Ghax dawn gew mahruga (u gew mahruga fuq talba tal-istess Pulizija li sal-llum ghadhom jirrifjutaw li jintavolaw l-akkuzi kriminali kontra dawk individwati mill-Inkwirenti) mill- Magistrat Inkwirenti.

Ma inhargux minn Magistrat li qed imexxi Istruttorja.

Imma inhargu mill-Inkwirenti li skond il-ligi johrog dawk il-mandati ta' arrest fejn ikun hemm suspett ragjonevoli ta' agir kriminali minn persuna.

Imma l-Inkwirenti MHUX qed jippresjedi l-kontradittorju.

Il-Magistrat Inkwirenti mhux qed jippresjedi proceduri kriminali u m'ghandux is-setgha li hu johrog akkuzi kriminali.

Huwa jista' biss johrog mandati ghax ikun hemm suspett ragionevoli ta' kommissjoni ta' reat fil-kors tal-"in genere", izda MHUX ghax ikunu gew intavolati, jew wara li jkunu gew intavolati, xi akkuzi kriminali.

L-Inkwirenti ma johrogx mandati in segwitu ta' akkuzi kriminali.

Dan qed jintqal fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 693 tal-Kap.9 u l-interruzzjoni tal- preskrizzjoni li hija sine qua non man-notifika tal-akkuzi kriminali.

Imma biex ikun hemm tali notifika lill-akkuzat, l-ewwel irid ikunu gewipprezentati l-akkuzi fir-Registru tal-Qorti Kriminali.

Dan hu, sfortunatament, zball li wettqet l-Ewwel Qorti: -

L-Ewwel Qorti ma applikatx il-logika meta qalet li qalet biex taghti ragun lill-Kummssarju tal- Pulizija ghall-inerzja tieghu.

L-Ewwel Qorti, jisghobbih jinnota l-appellant, injorat ukoll il-prassi kostanti fil-Qrati taghna: li biex tigi interrotta l-preskrizzjoni, il-Prosekuzzjoni tintavola l-akkuzi kriminali u tara li jkunu notifikati, imbaghad se mai, tara li jkun servut jew esegwit il-mandat ta' arrest jew mandat ta' arrest internazzjonali.

Qed jigi sottomess li mill-proċess johrog car li l-ewwel Qorti naqset li taghti attenzjoni ghan-nuqqas da parti tal-Pulizija li ma jafux x'sar minnhom dawn il-mandati, anki għaliex waqt li ż-żmien għaddej, hemm tellieqa kontra l-hin biex il-frott tal-Inkjesta Pilatus Bank li ġiet tiswa lill-poplu iktar minn €7.5 miljuni, ma jisfumax fix-xejn f'każ li l-azzjoni kriminali tiġi preskritta.

L-Ewwel Qorti, jigi sottomess, hi żbaljata meta tghid

> "*meta irrizulta b'mod car li l-awtoritajiet lokali huma fil-prezent* ***stagnati*** *milli iressquhom sakemm ikun hemm l-estradizzjoni lejn Malta minn awtoritajiet barranin li ghal kollox tiddependi minn gurisdizzjonijiet ohra.*"

Le u le u le, jissottometti bil-qima l-appellant.

L-awtoritajiet Maltin mhumiex stagnati milli jintavolaw l-akkuzi, le.

Ghax sakemm ma jintavolawhomx fil-Qorti f'Malta, ghaddejja l-preskrizzjoni u fil-fatt fil-kaz ta' delitt minnhom taht l-artiklu 188 tal-Kap.9, l-akkuzi llum huma jew preskritti jew kwazi preskritti.

L-esponent jistaqsi mill-esperjenza passata fiu-Qrati f'Malta:

fil-kaz tal-akkuzi kontra certu imputati involuti fil-kumpilazzjoni tal-VGH pendenti bhalissa quddiem il-Qorti Istruttorja, x'ghamlu l-Pulizija u l-awtoritajiet fil-konfront ta' **Armin Ernst u Ralph de la Torre u Ram Tumuluri**, per ezempju?

Qaghdu jistennew li l-ewwel issir talba ghal hrug ta' mandati ta' arrest?

Le.

Qaghdu jistennew li jkun esegwit il-mandat ta' arrest internazzjonali qabel ma hargu l-akkuzi?

Le.

Ipprezentaw, gustament, l-akkuzi kriminali u kien biss WARA li talbu l-hrug tal-mandat ta' arrest internazzjonali mill-Magistrat fl-Istruttorja jew talbu '1 Qorti Istruttorja tapprova l-hrug tal-mandati ta' arrest internazzjonali (fil-kaz ta' Ram Tumuluri ghadhom lanqas biss jafu fejn qieghed u xorta wahda ilhom xhur li gew ipprezentati l-akkuzi kriminali kontrih quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Malta) li johorgu mill-Inkjesta Magisterjali tal-VGH).

Il-Pulizija kienu jafu, ghax hu fatt maghruf minn kulhadd minn diversi artikli ippubblikati fl- ahhar xhur, li Ernst u La Torre m'humiex f'Malta u li jinsabu fl-USA.

Eppure ipprocedew biex ipprezentaw l-akkuzi kriminali f'Malta halli tigi interrotta 1-preskrizzjoni bit-tama ta' notifika tal-akkuzi kriminali.
Fl-umli fehma tal-esponent f'dan il-kaz, huwa wera biċ-ċar META IPPREZENTA L-ISFIDA li ghandha tittiehed azzjoni kriminali bil-prezentazzjoni tal-akkuzi kriminali fil-konfront tal- imsemmija persuni indizzjati mill-Inkwirenti u wera ukoll li minn wara li ħarġu l-mandati tal- arrest internazzjonali, il-Pulizija u l-awtoritajiet ma ghamlu effettivament xejn biex jesegwixxu dak li ġie ordnat minnha mill-Maġistrat Inkwirenti li mexxa l-inkjesta.

Fix-xhieda tieghu, l-esponent semma kif anke sorsi diplomatiċi infurmawh li ma kienx qed isir sforz serju biex il-persuni li kontrihom inħareġ il-Mandat tal-Arrest Internazzjonali jew/u il- Mandat tal-Arrest Ewropew jiġu arrestati u jingiebu Malta biex jaffaċċjaw il-ġustizzja.

Fix-xhieda tieghu li tinsab **fol 988,** 1-esponent jgħid hekk:

> "*Nutar Robert Aquilina: Infurmawni illi e iva mhux qed isir sforz serju biex dawn jigu. wiched trid jifhem ukoll illi biex jigu infurzati arrest warrants ikun hemm ukoll bzonn sforz diplomatiku sikwit. Dak l-isforz diplomatiku mhuwiex qieghed isir.*"

**Fol 989**:

*"Nutar Robert Aquilina: Jien qed nghid il-Korp mhuwiex qiegħed e jagħmel sforz serju biex dawn l-arrest warrants jigu infurzati.*

*Magistrat: And what do you, what you you mean by that?*

*Nutar Robert Aquilina: Le ghax dan sikwit jigri li johorgu dawn l-arrest warrants pero jkun hemm bżonn wiehed jigri wara awtoritajiet barranin biex dawk jigu infurzati u l- informazzjoni li ghandi jinea hija li mhux qed isir dak l-isforz serju u allura de facto"*

**Fol 1001:**

*"Nutar Robert Aquilina: Fl-Italja sena ilu gie arrestat emm Matteo Messina Denaro. Dan kien hemm mhux European Arrest Warrant jew International Arrest Warrant pero dan ma ridux jinzertawh f road block. Dawn riedu jieħdu inizjattiva serja l-anti-mafia Taljana li jmorru jfitxuh u jsibuh. Dik l-inizjattiva fir-rigward tal-persuni mhux qed tittiehed. Kieku qagħdu jagħmlu kif qed jagħmel Anglu Gafa 'fir-rigward tal-persuni qatt ma kien jarrestawh u għalhekk Angelo Gafa 'qatt mhu se jarresthom lil dawn il- persuni sakemm ma jkun imgieghel minn din il-Qorti"*

F'dak il-punt, 1-Ewwel Qorti setghet tistharreġ mix-xhieda tal-Pulizija x'verament sar minn naha tal-Pulizija u jekk dawn verament kienux qed jieħdu l-każ bis-serjeta' skond l-ordni tal- Magistrat Inkwirenti.

Billi tindaga mill-provi akkwiziti quddiemha jekk sarx follow up mal-awtoritajiet barranin 1- Ewwel Qorti ma kinitx se tkun qed tidhol fil-mertu tal-azzjoni kriminali.

Sfortunatament, u dan jista' jigi konfermat mill-process, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx tali ezercizzju.

Iktar minn hekk, fl-istess dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti, l-isfidant umilment jissottometti li hemm żball legali, ghax filwaqt li l-Qorti qalet li l-Pulizija Eżekuttiva ma tista' tagħmel xejn minħabba li dawn jinsabu barra minn Malta, I-Ewwel Qorti ma qalitx li m'hemm XEJN x'izomm lill-Pulizija milli tintavola l-akkuzi li indika l-Inkwirenti fl-gheluq tal-"in genere'.

L-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata:

> *"Illi l-isfidant stess esebixxa dawn il-mandati u allura frankament ma jistax jinftichem x'inhu l-iskop prezenti ta 'din l-isfida meta irrizulta b'mod car li l- awtoritajiet lokali huma fil-prezent stagnati milli iressquhom sakemm ikun hemm l-estradizzjoni lejn Malta minn awtoritajiet barranin li ghal kollox tiddependi minn gurisdizzjonijiet ohra*

Hawnhekk, l-esponent *begs to differ*.

L-awtoritajiet huma stagnati, halli juza l-istess kelma tal-Ewwel Qorti, bl-inerzja li hija *self-inflicted* ghal ragunijiet li zgur mhumiex fis-sewwa legali.

Huma stagnati ghax ghadhom jirrifjutaw li jipprezentaw l-akkuzi kriminali. Diga ghaddew 4 snin minn meta giet fi tmiemha l-Inkjesta Magisterjali Pilatus Bank.

L-esponent umilment ifakkar li sal-llum ma ngieb l-angas argument wiehed mill-Pulizija, u jidher li lanqas 1-Ewwel Qorti dan ma qisietu, dwar x'zamm u x'qed izomm milli jigu intavolati 1-akkuzi kriminali naxxenti mill-Kodici Kriminali (artiklu 188, 48A u 83A tal-anqas) kontra l- persuni imsemmija fil-konkluzjoni ta' l-Inkjesta Magisterjali.

L-Artikolu fil-Kodici Kriminali dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali jgħid is-segwenti:

> *Artikolu 687. (1) Id-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqgħux bil- preskrizzjoni febda zmien.*
>
> *(2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta 'akkuża jigu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala riżultat ta 'dik l-imputazzjonijew att ta' akkuża.*

L-istess Kodiċi jipprovdi meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni (Artikolu 691) u huwa biss meta l-hati ma jkunx magħruf li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiskattax.

Taht l-istess Titolu fil-Kap.9 wiehed isib Artikolu 693 li jgħid is-segwenti:

> ***Artikolu 693.*** *(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att* ***tal-proċediment li jiġi innotifikat*** *lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkuzat.*
>
> *(2)* ***<u>Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, biċ-ċitazzjoni,</u>*** *għalkemm il- mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li 1-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta.*
>
> *(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa 'jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur*

*(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu hadu sehem fir-reat, ghalkemm l-att li bih tkun giet miksura 1-preskrizzjoni jkun sar kontra wiehed biss.*

Meta l-ligi tghid: "(2) ***Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, biċ-ċitazzjoni***", l-esponent qed jissottometti umilment li appuntu ghalhekk ghandu jkun hemm l-akkuzi kriminali ipprezentati fir-Registru tal-Qorti Kriminali f'Malta, ghax jekk mhux ser ikunu ipprezentati, qatt ma jista' jkun hemm in-notifika taghhom.

Ghal xi raguni, I-Ewwel Qorti ma applikatx dawn ir-regoli bazici ta' procedura kriminali biex tasal ghall-konvinciment morali dwar kemm l-isfida ghandha mis-sewwa.

L-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti taqra l-evidenza kollha li huwa ipprezenta bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Qorti u tara kif ghandha tasal ghall- konkluzjoni univoka li huwa mar ferm 'I hinn mill-livell ta' prima facie li l-ligi tippretendi minn cittadin f'kawza ta' sfida.

Huwa wera c-certezza assoluta li l-Magistrat Inkwirenti kien ordna passi kriminali kontra numru ta' individwi Maltin u barranin, u li l-esponent sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija biex iressaqhom 'I Qorti ***sena u 4 xhur wara*** l-konkluzjoni tal-imsemmija Inkjesta Magisterjali.

L-esponent jinnota li fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti kienet iktar interessata kif kopja tal- Inkjesta spiċċat f'idejh, milli rat jekk il-Pulizija qdewx id-doveri tagħhom u ghala naqsu minnhom.

Fl-umli fehma tal-esponent, I-Ewwel Qorti marret lil 'hinn mill-parametri tal-liġi biex taghti bidu ghal witchhunt fuq l-isfidant.

Ghalhekk ukoll l-esponent ihossu ferm aggravat.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

L-esponent huwa aggravat ukoll ghax l-Ewwel Qorti bid-decizjoni taghha li tichad it-talba minnu maghmula li kienet imsejsa fuq konkluzjonijiet ta' Magistrat Inkwirenti, bl- argumentazzjoni taghha litteralment **<u>uzurpat</u>** il-poteri u l-funzjoni ta' Magistrat Inkwirenti.

Huwa fatt stabbilit fid-dominju pubbliku (u l-Qrati taghna jiehdu judicial notice ta' dak li jkun pacifiku fid-dominjuu pubbliku) li kien hemm Inkjesta Magisterjali dwar il-Pilatus Bank u li tali Inkjesta ikkonkludiet b'ordni biex **il-Kummissarju tal-Pulizija u** l-Avukat Generali jressqu 'I Qorti lil numru ta' individwi (kollha barranin hlief tnejn (wahda minn tnejn, tressqet 1 Qorti) fuq numru ta' delitti.

Galadarba l-isfida skond l-artiklu 541 tappartieni ghal delitti li huma mansjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-esponent jirrileva li hemm numru ta' delitti gravi hafna, fosthom 1- assocjazzjoni kriminali kif ukoll l-organizzazzjoni kriminali kif ukoll il-falz ideologiku li (u li huwa identifika fin-notitia criminis tieghu) ghadhom responsabilita u mansjoni tal- Kummissarju tal-Pulizija.

Kien fuq dawn li l-esponent talab b'mod partikolari li l-Ewwel Qorti tordna l-azzjoni kriminali lill-Kummissarju tal-Pulizija. Haga li rega' tenniha fit-trattazzjoni finali kif jista' jigi ikkonfermat mir-registrazzjoni tal-istess trattazzjoni mill-avukat tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>Anke li kieku l-esponent ma kienx provvist mill-Inkjesta Magisterjali imsemmija, grazzi ghall-provvidenza divina li laqgghetu ma' diversi sorsi, xorta wahda kien ikollu iktar minn bizzejjed ragunijiet biex fuq bazi *prima facie* jitlob b'success l-isfida ghax tant kien hemm ahbarijiet fid-dominju pubbliku minn wara l-2014 fuq</u>**

**<u>il-Bank Pilatus grazzi għall- gurnalizmu investigattiv ta' Daphne Caruana Galizia u obrajn, li anke b'dawn kien jissodisfa r-rekwizit tal-*prima facie*.</u>**

Imma mar oltre.

Bil-prova l'idejh ta' Inkjesta Magisterjali li l-Istat ried ihalli mohbija u li fuqha l-Istat ghadu sal-llum jirrifjuta li jiehu passi konkreti ghall-akkuzi kriminali kif ordna l-Magistrat Inkwirenti, 1-esponent talab li l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jagħmel dak li dan ilu li gie ordnat jaghmel mill-Inkwirenti sa mill-bidu tal-2021.

L-esponent, bil-qima, hawnhekk ma jistax jaqbel mal-Ewwel Qorti: ghax l-Ewwel Qorti injorat kompletament dak li kien ikkonkluda u ordna l-Magistrat Inkwirenti biex b'hekk hadet postu u gabet fix-xejn xoghol l-'*in genere'* li swiet iktar minn €7.5 miljuni biex tlestiet.

Mhux talli ghall-hasil ta' flus u l-atti illegali l-ohra li l-Pilatus Bank u l-ufficjali tieghu wettqu spicca jhallas it-taxpayer onest, inkluz l-esponent, imma aghar minn hekk, Qorti ta' Gustizzja bierket u tat l-approvazzjoni taghha, ***<u>effettivamen</u>***<u>t</u>, ghall-impunità u r-rifjut sfaccat tal-Pulizija li jmexxu kontra **<u>organizzazzjoni kriminali,</u>**

B' hekk ukoll allura huwa aggravat l-esponent: ghax l-Ewwel Qorti uzurpat l-funzjoni ta' Magistrat Inkwirenti u radmet l-ordni tieghu ghal azzjoni kriminali.

L-aqwa prova li l-esponent ma beniex l-isfida fuq spekulazzjonijiet jew *fishing expedition* hija 1-prova tal-konkluzjoni ta' Inkjesta Magisterjali li ordnat passi kriminali.

Xi htiega ta' prova aqwa minn din jista' jkun hemm biex turi li l-isfidant ghandu ragun fl-isfida tieghu fuq bazi *prima facie*? Jistaqsi umilment l-appellant.

Iktar u iktar meta l-istess Kummissarju tal-Pulizija quddiem l-Ewwel Qorti **ikkonferma** li kien hemm tali Inkjesta u li tali Inkjesta Magisterjali kienet ordnat dak li l-esponent qal bil-gurament tieghu.

L-esponent, in vista ta' dawn l-argumenti kollha, jesprimi bil-qima l-inkredulitá tieghu u jghid li bis-sentenza tal-Ewwel Qorti dan hu kaz ta' *the world upside down.*

**Ir-Raba' Aggravju**

Aggravju iehor huwa, u hawn verament jisghobbih I-esponent li jkollu jsemmih, I-animu mimli pregudizzju li l-Ewwel Qorti wriet fil-konfront tieghu sa mill-bidu nett.

Iktar u iktar u iktar wara li huwa talab ir-rikuza tal-Magistrat sedenti ghal ragunijiet iktar minn validi fil-ligi.

Hawnhekk l-esponent (biex ma joqghodx jiddilunga) gentilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tara l-inkartament tal-kawzi kostituzzjonali li kellu jiftah l-esponent dwar ic-cahda tar- rikuza, b'mod specjali dik il-parti tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) per Sur Imhallef Spiteri Bailey tad-19 ta' Ottubru 2022 li fiha l-Qorti imsemmija litteralment qabdet lill-Ewwel Qorti tghid kelma b'ohra f'digriet li kienet ippronunzjat u li ikkonkludiet li dak li kienet qalet li sehh 1-Ewwel Qorti ma kienx rifless mill- atti stess tal-isfida.

L-esponent qed isemmi dan l-istat ta' fatt ta' animosita kostanti mill-Ewwel Qorti lejh u lejn 1- avukat tieghu biex din il-Qorti tkun f'pozizzjoni tixtarr ahjar is-segwenti **skorrettezzi fattwali u oggettivi** li l-Ewwel Qorti ghamlet biex waslet ghad-decizjoni appellata:-

1. L-Ewwel Qorti injorat il-fatt stabbilit fil-kawza li l-esponent **bhala membru tal-Istitut tal-Gurnalisti Maltin, u allura bhala gurnalist,** u anke bhala attivist ewlieni tas- socjetà civili, ghandu drittijiet sagrosanti li johorgu minn hemel

sentenzi tal-Qrati ta' Strasbourg li gurnalist ma jistax ikun imgieghel jikxef sors. L-esponent umilment jissottometti li kemm hu fil-**kapaċità** personali tieghu ta' attivist u gurnalist kif ukoll l- assoċjazzjoni Repubblika, li tagħha huwa rappreżentat f'dawn il-proċeduri, jaqghu taht il-kategorija ta public watchdogs u għandhom il-protezzjonijiet specifici kif johrog mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittjiet Fundamentali tal-Bniedem (QEDB)

L-esponent huwa kemm nutar di professjoni kif ukoll huwa ukoll membru shih tal-Istitut tal- Gurnalisti Maltin (IGM) (VO/0211).

Waqt il-proċeduri, l-appellant xehed is-segwenti:

*XHUD: ghaliex huma sorsi privileggjati*

*QORTI: x'jikkunsidrawha sors privileggjatt?*

*XHUD: ghaliex jien illum il-gurnata fost l-ohrajn nagħmel xoghol ta' kittieb u s-sorsi ta kittieb huma sorsi privileggjati*

Mill-Qorti ta' Strasbourg:-

***Társaság a Szabadságjogokért v. Hungary 2009***

Il-Qorti rrikonoxiet l-irwol li għandhom il-ġurnalisti u l-NGOs f'materji li huma ta' interess pubbliku fis-segwenti:-

*"37. The Court observes that the applicant had requested information about the constitutional complaint eventually without the personal data of its author. Moreover, the Court finds it quite implausible that any reference to the private life of the MP, hence to a protected private sphere, could be discerned from his constitutional complaint. It is true*

*that he had informed the press that he had lodged the complaint, and therefore his opinion on this public matter could, in principle. be identified with his person. However, the Court considers that it would be fatal for freedom of expression in the sphere of politics if public figures could censor the press and public debate in the name of their personality rights, alleging that their opinions on public matters are related to their person and therefore constitute private data which cannot be disclosed without consent. These considerations cannot justify, in the Court's view, the interference of which complaint is made in the present case.*

*38. The Court considers that obstacles created in order to hinder access to information of public interest may discourage those working in the media or related fields from pursuing such matters. As a result, they may no longer be able to play their vital role as "public watchdogs" and their ability to provide accurate and reliable information may be adversely affected (see, mutatis mutandis, Goodwin v. the United Kingdom, judgment of 27 March 1996, Reports 1996-11, p. 500, § 39).*

*39. The foregoing considerations lead the Court to conclude that the interference with the applicant's freedom of expression in the present case cannot be regarded as having been necessary in a democratic society. It follows that there has been a violation of Article 10 of the Convention.*

***Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary*** [GC], 2016, § 159, 165

*$159. In this context, it may be reiterated that in the area of press freedom the Court has held that. "by reason of the 'duties and responsibilities 'inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they*

*are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism" (see Goodwin v the United Kingdom, 27 March 1996. § 39. Reports 1996-11; Fressoz and Roire v. France [GC], no. 29183/95, § 54, ECHR 1999-1 and Bladet Tromso and Stensaas v. Norway [GC], no. 21980/93, § 65, ECHR 1999-III). The same considerations would apply to an NGO assuming a social watchdog function (see more on this aspect below).*

*§ 165. While Article 10 guarantees freedom of expression to "everyone", it has been the Court's practice to recognise the essential role played by the press in a democratic society (see De Haes and Gijsels v. Belgium, 24 February 1997, § 37, Reports 1997-1) and the special position of journalists in this context. It has held that the safeguards to be afforded to the press are of particular importance (see Goodwin, cited above. § 39. and Observer and Guardian v. the United Kingdom, 26 November 1991, § 59. Series A no. 216). The vital role of the media in facilitating and fostering the public's right to receive and impart information and ideas has been repeatedly recognised by the Court. as follows:*

*"The duty of the press is to impart in a manner consistent with its obligations and responsibilities information and ideas on all matters of public interest.*

*Not only does it have the task of imparting such information and ideas: the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of 'public watchdog (see Bladet Tromso and Stensaas v. Norway [GC], no. 21980/93. §§ 59 and 62, ECHR 1999-III)."*

Fil-kawża ***Liviu Aurel MAN and Others v. Romania,*** il-QEDB qalet hekk:

***$131. The Court is mindful that journalists should enjoy a broad scope of protection, including a range of freedoms that are of functional relevance to the pursuit of their activities, such as: protection of confidential sources****, protection against searches of professional workplaces and private domiciles and the seizure of materials, protection of news and information-gathering processes, and editorial and presentational autonomy (see paragraph 30 of the Recommendation CM/Rec(2016)4 of the Committee of Ministers to member States on the protection of journalism and safety of journalists and other media actors, adopted by the Committee of Ministers on 13 April 2016). However, it reiterates that, because of the nature of the criminal acts under investigation, the current case differs essentially from cases where journalists 'right to impart information had been breached because of searches and seizures aimed at identifying their journalistic sources (see, among many others. Nagla v. Latvia, no. 73469/10, §§ 101 and 103-04, 16 July 2013; Görmüş and Others v. Turkey, no. 49085/07, §§ 71-75, 19 January 2016; and Ernst and Others v. Belgium, no. 33400/96, §§ 91-92, 15 July 2003). The fact that in the present case the first applicant was eventually acquitted does not change the Court's conclusion.*

Fil-kawża ***Falzon v. Malta***, il-QEDB qalet hekk:

*§ 57. As to Article 10, which guarantees freedom of expression to "everyone", it has been the Court's practice to recognise the essential role played by the press in a democratic society (see Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary [GC], no. 18030/11. § 165. ECHR 2016). The Court has previously established that the press, as well as NGOs, exercise watchdog functions and that the function of bloggers and popular users of the social media may be also assimilated to that of "public watchdogs" in so far as the protection afforded by Article 10 is concerned (ibid., § 166 and 168). The manner in which public watchdogs carry out their activities may have a significant impact on*

*the proper functioning of a democratic society (ibid., § 167). In the present case, the applicant being a regular opinion writer in two weekly publications, the interference must therefore be examined in the context of the essential role of a free press in ensuring the proper functioning of a democratic society (see, among many other authorities, Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France [GC], nos. 21279/02 and 36448/02, § 62. ECHR 2007-IV), as also acknowledged by the Constitutional Court (see paragraph 30 above).*

Huwa fatt pacifiku u fid-dominju pubbliku (u li taghha umilment qed jintalab li l-Qorti tiehu judicial notice) u li huwa wkoll fix-xiehda tal-esponent quddiem l-Ewwel Qorti, li l-esponent huwa sija gurnalist u sija attivist ewlieni tas-socjeta civili (REPUBBLIKA) li f'Malta tagixxi bhala ***public watchdog*** kontra l-abbuz tal-poter u l-impunita u l-korruzzjoni istituzzjonalizzata.

L-esponent izda jinnota b'dieqa li l-Ewwel Qorti sa mill-bidunett (vide l-mistoqsijiet maghmula mill-Qorti lill-esponenti fix-xiehda tieghu) kien mohha biex tiskredita lill-esponentu x-xiehda tieghu u konsegwentement biex tizvaluta l-valur probatorju tal-provi dokumentati li l-esponent ipprezenta taht gurament quddiemha.

Per ezempju, issir referenza ghall-partijiet fis-sentenza li fiha l-ewwel Qorti tghid is-segwenti:

*"Illi minkejja li x-xhud kien assistit minn avukat tal-fiducja tieghu, xorta baqa jipprezenta "fatti" imsejjsin fuq dak li sema jew minn media jew minn "sorsi" li bl-akbar rispett mhumiex taht ebda kontrol u li jistghu jigu soggetti ghal interpretazzjoni selettiva."*

Filwaqt li l-ewwel Qorti sahqet diversi drabi li ma ghandiex tidhol fil-mertu, dehret iktar interessata ssir taf kif l-esponent qua appellant gab l-informazzjoni li fuqha ssejset din iċ- *challenge*.

Iktar tard, l-ewwel Qorti ghamlet din l-osservazzjoni:

> *"Irrizulta mix-xhieda li apparti li gie svelata lilu l-kontenut ta'l-inkjesta u korrispondenzi bejn ufficjali tal-pulizija bejniethom gie anke zvelat komunikazzoni kunfidenzjalli bejn l-Avukat Generali u l-Magistrati Inkwirenti."*

Imbaghad għaddiet biex tordna lill-Pulizija Eżekuttiva tinvestiga lill-appellant u qalet hekk:

> *"Illi Qorti ghalhekk tordna li kopja tax-xhieda kollha u kull dokument ezebeit waqt ix-xhieda flimkien mar-rikors promotur u dokumenti prezentati maghha ghandhom jintbghatu lill-Kummissarju sabiex tigi inizjalata investigazzjoni b'mod immedjat dwar kif u minn min, din l-inkjesta inghatat direttament u fizikament lit-terzi u partikolarment lin-Nutar Robert Aquilina li stqarr kemm il-darba li l-inkjesta giet murija lilu fl-istat originali taghha u li ma kellux awtorizzazzjoni legali ghaliha fi zmien li inkixfet. Illi din l-investigazzjoni ghandha tkun mill-iktar mod wiesa li tista tkun tenut kont tas-severita u s- sensittiva tad-dokument u sabiex jittiehdu l-passi mehtiega u necessarji."*

Jistax l-appellant jistieden il-Qorti tmur **a folio 276** tal-process u ssib kif huwa iddikjara li huwa gurnalist.

> *"XHUD: ghaliex huma sorsi privileggjati*
>
> *QORTI: x'jikkunsidrawha sors privileggjatt?*
>
> *XHUD: ghaliex jien illum il-gurnata fost l-ohrajn naghmel xoghol ta 'kittieb u s-sorsi ta' kittieb huma sorsi privileggjati"*

Huwa ghalhekk li, bl-ikbar rispett lejn l-ewwel Qorti, l-ordni li tat biex ikun investigat l- esponent halli jinstab/u is-sors/i tieghu, tmur lill 'hinn minn dak permess mil-liġi.

U aghar minn hekk, tikkonferma l-fehma tal-esponent li l-animu tal-Magistrat sedenti kien sfortunatament biex tintimida gurnalist u membru attiv tas-socjeta civili.

Ghax dak hu dak li l-Ewwel Qorti ghamlet: bl-ordni li tat sabiex ikun investigat halli jinkixfu s-sorsi tieghu, il-Qorti wriet iva preokkupazzjoni ghal kif huwa sar jaf dak li kellu jibqa' mistur (ghax kieku sal-llum ghadna ma nafux li fl-gheluq ta' Inkjesta Magisterjali kien hemm ordni biex 6 persuni jitressqu 'I Qorti fuq organizzazzjon kriminali u assocjazzjoni kriminali u falz ideologiku), imma ma wrietx preokkupazzjoni ghal rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija biex iressaq persuni b'dawn l-akkuzi li ordna l-Magistrat Inkwirenti.

U dan iktar u iktar meta fl-istess jum tal-ghoti tas-sentenza appellata, l-istess Qorti ippresjeduta mill-istess gudikant tat sentenza li fiha marret diametrikament oppost, b'ragunament ezatt 1- oppost, ghal dak deciz f'din is-sentenza appellata kif ha jigi muri fl-ahhar aggravju iktar 'l isfel.

Finalment, b'referenza għall-parti tas-sentenza appellata **f'paġna 32** fejn il-Qorti qalet:

> *"Ix-xhud b'hekk jindika li d-dokument esibit minnu ġie iccertifikat skond l-original. Madanakollu meta l-Qorti talbet ghal verifika jekk huiex minnu, ix-xhud donnu jerga lura minn kliemu u jghid li c-certifikah fuq kopja ta' original. Iktar il-quddiem jerga ivarja x- xhieda tieghu u jghid u jinsisti li ra l-inkjesta originali",*

L-appellant jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fix-xhieda tiegħu bil-ġurament matul il-kawża n- Nutar Aquilina spjega li dokument jista' jkun jeżisti f'aktar minn forma/kopja waħda b'mod li lkoll kemm huma dawk il-forom/kopji jkunu originali

u li hu kien ibbaża l-vera kopja preżentata minnu fuq waħda jew aktar minn dawk il-forom/kopji originali tal-inkjesta/rapporti annessi mal-inkjesta.

**L-appellant jichad bil-qawwa kollha li hu għamel xi dikjarazzjoni falza fir-rikors promotur jew fil-kawża u jishaq li kull ma ddikjara fir-rikors promotur u xehed matul il-kawża hu l-verita' assoluta u xejn għajr mill-verita' assoluta.**

Anke hawnhekk, l-Ewwel Qorti kienet skorretta mal-fatti kif xehedhom l-esponenti quddiemha.

**Il-Hames Aggravju**

L-esponent huwa ferm aggravat bi zbalji fattwali u skorrettezzi fattwali li jidhru fis-sentenza appellata.

L-esponent hawnhekk ser jelenka rassenja ta' zbalji u skorrettezzi fattwali u oggettvi li twettqu mill-Ewwel Qorti:-

1. Kif jidher mill-atti processwali, l-Ewwel Qorti ma hallietx u ma riedetx li l-esponent jaghti spjegazzjoni dwar il-provi li abbażi tagħhom il-Magistrat Inkwirenti Dr Ian Farrugia kien ordna li jitniedu proċeduri kriminali kontra l-persuni msemmija fir-rikors promotur.

Per ezempju: Vide folios 239 et seq

Per ezempju: **fol 975**:

> *Magistrat: Jien la ha niddeċiedi dwar mertu, la ha niddečiedi Inkjesti, la ha niddeċiedi tort, la htija. Jien niddečiedi biss il-Kummissarju tal-Pulizija fis- sewwa jew fid-dnewwa that's it. So uou have to understand the contest of my questions u għalhekk qed nistaqsik. Jien ma nidholx xi kkonkluda l-Magistrat Farrugia. Langas xejn. Jien*

*nidhol fiha l-kwerela li għamilt inti. Issa inti ged tghdili li minn mindu ġġamilt il-kwerela xi ħadd qallek li l-Kummissarju tal- Pulizija Angelo Gafa 'dawn oid-dokument qegħdin f'idejh.*

2. L-appellant jinnota li s-sentenza appellata tgħid li rriżultaw hafna spekulazzjoni u *hearsay*.

Pero' fis-sentenza ma jissemma **l-ebda**ċċirkustanza jew eżempju ta' tali spekulazzjoni.

Dak li l-esponent xehed fil-forma ta' hearsay, huwa xehedu biex jaghti kuntest ghall-evidenza li kien qed jipprezenta u qatt ma ittanta jghid li dik il-*hearsay* kienet prova fiha nnifisha.

3. Is-sentenza appellata **f'paġna 20** tghid dan b'referenza ghal tlett emails interni tal-Korp tal- Pulizija preżentati fil-kawża mill-isfidant:

*"Illi dawn il-korrispondenzi jaghmlu referenza ghal suspettat wiehed, certu Antoniella Gauci fejn is-suggett diskuss huwa dwar proceduri o meno ta 'nolle prosequi fil-konfront taghha".*

**Dan mhux veru u mhux minnu.**

L-esponent sincerament qed jiddispjacih ikollu jikteb li dan mhux veru, imma hadd ma jista' jmeri s-sewwa maghruf, ghax mhux veru li l-korrispondenza tal-Pulizija li huwa ipprezenta taghmel referenza ghal suspettat wiehed, imma ghal TNEJN.

Dawn l-emails, u dan jidher car minn qari tagħhom, jirreferu ghall-persuni kollha li fil-konfront taghhom ġie iffirmat *nolle prosequi*, jiġifieri **tnein**.

L-esponent ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti setghet tagħmel zball fattwali hekk grossolan.

4. Ghal xi raguni, I-Ewwel Qorti injorat ukoll kompletament li l-esponent bhala Nutar Pubbliku huwa **<u>fdat mill-Istat</u>** biex jaghti fidi ghal dokumenti u biex allura jiddikjara l-awtenticità taghhom.

Huwa ghalhekk li l-kopja tal-konklużjoni tal-Inkjesta hija awtentikata bhala vera kopja minnu bhala Nutar Pubbliku.

**Fix-xhieda tagħha fil-kawża appellata l-Ispettur Claire Borg (vide fol 817) iddikjarat taht gurament li kienet qed tirrikonoxxi bhala veritjier il-kontenut tal-kopja tal-konklużjonijiet tal-Inkjesta preżentati min-Nutar Robert Aquilina.**

Din hija prova ohra li turi kemm l-esponent qal il-verita u li altru milli issodisfa l-grad ta' prima facie mitlub mill-ligi.

5. Ghal xi raguni stramba wkoll, l-Ewwel Qorti injorat li bhala Nutar Pubbliku, l-esponent kellu d-dritt u d-dmir li jawtentika kopja tal-emails bil-kitba tieghu personali.

**Tant kemm dak li ghamel huwa s-sewwa u l-verità li kopja fotostatika tat-tliet emails b'korrispondenza tal-Korp tal-Pulizija giet ipprezentata fil-kawza mill-Ispettur Oscar Baldacchino a folio 718-737 tal-process.**

**Iz-zewg kopji jaqblu perfettament ma' xulxin.**

**Identici.**

Din hija prova ohra li turi kemm l-esponent qal il-verita u li altru milli issodisfa l-grad ta' *prima facie* mitlub mill-ligi.

**<u>Is-sitt aggravju: Fruit of the poisonous tree</u>**

L-appellant jemmen, bil-qima imma b'konvinzjoni, li l-interess sproporzjonat tal-Ewwel Qorti biex tistabilixxi kif l-isfidant spiċċa b'dawn id-dokumenti f'idu, sfortunatament xekkilha milli iżżomm car li fil-Qrati nostrana huwa stabilit li l-kunċett ta '*fruit of the poisonous tree* **<u>mhux</u>** parti mill-insenjament legali.

Qabel xejn, l-**artikolu 349 (2) tal-Kap 9:**

> "*L-ommissjoni ta 'xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taht dan it- Titolu m'għandhom ikunu ta 'ebda ostaklu biex tingieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-ligi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il- prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.*"

L-**artikolu 558 tal-Kap 12** jipprovdi li:

> "*Kull prova ghandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet*"

**L-artikolu 559 tal-Kap 12** jipprovdi hekk:

> "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tistaġġ ib*".

F'dan il-każ l-esponent ippreżenta bil-gurament tieghu kopja tal-procès verbal kif ukoll korrispondenza bejn uffiċjali tal-Pulizija u l-Avukati Generali li għalkemm miktuba bl-id u ffirmata u awtentikata minnu bħala vera kopja, **<u>il-kontenut tal-istess email ġie kkonfermat mill-Prosekuzzjoni stess quddiem l-Ewwel Qorti.</u>**

Jistax l-appellant jaghmel referenza ghal dak li l-Qrati taghna stabbilew dwar evidenza ottenuta mhux skond il-ligi, jew addirittura b'mod "illegali".

**Pero qabel ma jkompli fuq dan il-punt l-esponent jaghmilha cara li huwa ma kiser ebda ligi meta giet fil-pussess tieghu l-konkluzjoni ta' l-Inkjesta Magisterjali dwar il-Pilatus Bank u li bl-ebda mod m'hu qed jghid li huwa otteniha b'mod illegali.**

Imma anke li kieku ghall-grazzja tal-argument BISS, huwa seraqha (haga li defittivament ma ghamilx u qatt ma tghaddilu mit-trafanal ta' mohhu li jaghmel), ma jfissirx u ma jsegwix li ma tkunx ammissibbli fil-Qorti.

Ghax il-Qrati taghna dejjem u dejjem adottaw il-principju li "***illegally obtained evidence is admissible"***.

Fil-***Pulizija (Spettur Omar Zammit, Spettur Sherona Buhagiar) vs Twanny Buttigieg***, il- Qorti tal-Appell Kriminali" qalet hekk:

> ***Fir-rigward jingħad minnufih illi d-duttrina magħrufa bhala the fruit of the poisonous tree doctrine ma ssibx applikazzjoni fl-ordinament juridiku tagħna, Ghaldaqstant prova hija ammissibbli indipendentement mill-legittimita tal-mezzi li jigu utilizzati sabiex tinkiseb dik il-prova***, *u dan sakemm il-producibilita tagħha ma jkunx possibbli minhabba an exclusionary rule of evidence.*
>
> *Hawnhekk issir referenza ghal dak li ngħad dwar dan il-punt mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta 'Malta vs Meinrad Calleja tat-3 ta 'Mejju 2000****, liema sentenza kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta 'Dicembru 1998:*
>
> *Din il-Qorti tirribadixxi illi f dan il-kamp, il-ligi tagħna ma tistax tigi ekwiparata ma 'ligijiet oħra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti għal dak nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejha 'exclusionary rule 'li tezisti fċerti*

*gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema tagħna.... Similment, l-appellant qiegħed jissottometti illi 'lProsekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzzjoni legali, li f'dan il- proċess legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur talligi, jew li tissana ksur ta 'ligi. Apparti milli, kif tajjeb osservat, l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qiegħed jagħmilha mingħajr ma almenu ressaq hjiel ta 'prova jew indikazzjoni ta 'prova illi dak li sar, sar illegalment da parti talawtorita 'tal-pulizija, jigi osservat illi l-bażi tal-esklużjoni missistema tagħna tal-'exclusionary rule 'huwa proprju r-rifjut tas-sistema tagħna illi jallaċja l- valur probatorju u l-ammissibilita 'ta 'prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkużat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il- Qorti tagħmel referenza ghas-sentenza tagħha in re* ***Ir-Repubblika ta 'Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena deċiża fid-19 ta 'Jannar, 1996***

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta 'Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena****, fil-fatt, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irriteniet hekk:*

*Fis-sistema tagħna dik li hija komunement imsejjha bhala 1- "Exclusionary Rule "fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u* ***r-regola generali fis-sistema taghna hija li provi illi jkunu ġew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibbilment anke legali, xorta huma ammissibbli.***

*Fis-sentenza tagħha fil-każ ta 'Meinrad Calleja, il-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal* ***Blackstone's Criminal Practice 1991.*** *fejn b'referenza ghall-pożizzjoni Ingliża dwar evidenza miksuba b'mod illegali, ingħad illi r-regola generali hija illi* ***"evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of***

*<u>law".</u> Skont l-istess sentenza **l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin dejjem kienet illi prova hija ammissibbli minkejja li tinkiseb bi ksur ta 'ligi ohra, u dan in linea mar-regola tal-common law Ingliża dwar din il-materja.** B'relevanza partikolari ghall-każ tal-lum, dik il-Qorti ghamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża tal-15 ta' Marzu 1968, fejn intqal illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282).*

*Fil-liġi Ingliża, prova hija meqjusa ammissibbli. jekk tali prova hija manifestament rilevanti ghall-mertu tal-każ. Fir-rigward il-Qorti Kriminali rreferiet ghal dak li ntqal minn Lord Chief Justice Goddard fil-każ **Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955)** AC 197, p. 203:*

*"….. **the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the Court is not concerned with how the evidence was obtained.** While this proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordships'opinion it is plainly right in principle".*

***<u>Ghaldaqstant, anke fejn reġistrazzjoni tiġi mehuda b'mod illeċitu, iżda tkun rilevanti ghall-mertu tal-każ, u l-ebda regola ma teskludi Iproduċibilita' ta 'dik ir- reġistrazzjoni bhala prova fi proċess penali, tali prova għandha titqies li hija ammissibbli.</u>***

Fis-sentenza ***Daniel Zammit vs Rocco Bartoluccio***, Tribunal ghal Talbiet Żgħar, per Gudikatur Avv. Kevin Camilleri Xuereb, tat-**3 ta' Frar 2020** hemm studju interessant dwar dan ***il- punctum iuris***:

*Ghalhekk, dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali w/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l- istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista 'toffri jew tressaq. Imkien fil-ligi ritwali taghna ma hemm dispost li s-sors jew l-otteniment tal-prova (f'dan il-kaz ir- registrazzjonijiet t-traskrizzjonijiet relattivi) ghandhom ikunu fundamentalment legali jew intrinsikament leciti. Anzi, il-qrati taghna asserew li, "hu mholli fl-ghazla tal-parti illi b'kull mod taghmel uzu minn elementi probatorji ohrajn. Dan ghaliex ukoll fl-ordinament guridiku taghna jvigi 1-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod." (Vodafone Malta Ltd v. Mark Vella, Appell Inferjuri, 15 ta 'Dicembru, 2003).*

*Riflessjoni ta 'tali folosofija tinsab riflessa fl-Art. 632 tal-Kodici ta 'Procedura Civili li l-ewwel sub-inciz tieghu jistipula illi, "Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet. konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jingiebu bi prova", filwaqt li t-tieni sub- inciz tieghu jissokta jippuntwalizza li. "Tista 'wkoll tingieb bi prova kull kitha. stampata jew le, skrizzjoni, sigill, bandiera, strument jew ghodda ta 'arti jew sengha, talja jew talja bi tqabbil, mappa, sinjal jew marka, li tista 'taghti informazzjoni, tifsir jew raguni tal-fatti migjuba fil-kawza." L-ampjezza ta 'din 1-ahhar disposizzjoni titkellem wehidha.*

***Wiehed jista 'ighid li l-ghan primarju tal-legislatur Malti hi dwar ir-rilevanza tal-prova u mhux dwar il-fons et origo taghha, ghax tali rilevanza taf twassal ghall-ghan ahhari tal-vicenda, u cioè ghall-iskoperta tal-verità ta 'dak li jkun sehh u li jkun qed jigi mpoggi taht skrutinju gudizzjarju**, Kif osservat fil-kawza in re Grazia Meilak et vs. Salvatore Grech (Prim Awla, 12 ta 'Marzu, 1964 per Imh. Maurice Caruana Curran), "**Ir-ricerka tal-verità ghandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni" u ftali ricerka -***

***skond il-qafas ta 'ordinament taghna - wiehed m'ghandux jintilef fis-sors dubjuz o meno tan-natura ta 'l-evidenza, liema evidenza taf tkun assai rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza***. *Wiehed jista 'jirrakjudi dan l-aspett fil-frazi klassika: "il-fini jiggustifika il-mezz".*

*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il- konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala "fruits of the poisoned tree".*

*Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta 'warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta 'l-akkwist ta 'l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu).*

***Madanakollu, jigi sottolinejat, illi tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti. Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghassistema guridika nostrana. Dan huwa hekk I'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dix."*** *(sottolinjar tal-esponent).*

**Is-seba' aggravju: "Hearsay evidence"**

L-esponent hassu ferm aggravat ukoll fuq kifl-Ewwel Qorti interpretat ir-regola dwar hearsay evidence.

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti filli qed tghid li x-xiehda tal-appellant hi hearsay, u filli tridu jiġi investigat kriminalment ghax dak li qal kien minnu imma mhux suppost sar jafu. Jew wahda jew l-ohra.

Punt preliminari qabel xejn:

L-esponent jissottometti li mhux kull detto del detto huwa eskluż u jeżistu eċċezzjonijiet kif gie affermat fil- kawża ***l-Pulizija vs Janis Caruana***, il-Qorti tal-Appell Kriminal (per Imhallef Lawrence Quintano) tal-14 ta 'Mejju 2012, il-Qorti qalet:

> *"Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta 'depożizzjoni ta 'xhud dwar x'gallu haddieħor li ma jistax jigi prodott minhabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita 'ta 'dan il-haddiehor. Certament il-klem ta 'dan il-ħaddiehor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raguni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li thalli lil dan ix-xhud jiddeponi).*

Issa fis-sentenza appellata f'**pagna 11**, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> *"F"diversi seduti xehed l-isfidant in-Nutar Robert Aquilina fil-kapacita tieghu bhala President tal-Ghaqda Volontarja Repubblika. Fix-xhieda tieghu jispjega kif hu sar jaf mill-mezzi tax-xandir u "sorsi" ohra li fir- rigward ta 'l-inkjesta maghruf pubblikament bhala dik tal-Pilatus Bank kien hemm direzzjoni mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Ian Farrugia sabiex jittiehdu passi kriminali kontra diversi persuni indikati fil-konkluzjoni ta' l-istess inkjesta izda tressqet biss persuna wahda u b'hekk l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija abdikaw mir-responsabilita taghhom. Ix-xhud ta spejgazzjoni ta 'informazzjoni li "jaf" bih u dan skont hu minn diversi sori "privileggjati" li ma rridx jidentifika min huma biex ma jikxifhomx.*

*Matul id-diversi drabi li xehed ix-xhudipprezenta diversi dokumenti inkluz l-mandati ta 'arrest ta 'uhud mill-persuni mertu ta 'l- inkjesta."*

Imbaghad **f'pagna 19** tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk:-

> ***"Madankollu, irriżulta hafna spekulazzjoni u hearsay ghaliex il-maggior parti tax-xhieda tieghu hija msejjsa fuq x'galulu diversi ufficiali minghajr ma jindika la minn huma jew fliema kuntest u kapacita kienu qed jghaddulu din l-informazzjoni u jekk vera huma min huma**. Ix-xhud jistrieh hafna fuq il-fatt li ghax huwa nutar jista jagħmel dikjarazzjoni solenni li dak li qalulu huwa minnu. Illi jirrizulta pero li dawn id-dikjarazzjonijiet solenni kien qed jaghmilhom fuq lilu nnifsu u mhacx minn persuna indipendenti. Illi minhabba l-mod vag ta 'kif kien qed jaglomel id- dikjarazzjonijiet tieghu il-Qorti giet nieusa minn provi cari u diretti li huma inekwivoki. Illi minkejja li x-xhud kien assistit minn avukat tal-fiducja tieghu xorta baqa jipprezenta "fatti" imsejjsin fuq dak li sema jew minn media jew minn "sorsi" li bl-akbar rispett mhumiex taht ebda kontrol u li jistgħu jigu soggetti ghal interpretazzjoni selettiva"*

Dak huwa x'qalet l-Ewwel Qorti

L-appellant issa ser jaghmel referenza ghal zewg sentenzi decizi mill-Qrati taghna recentement proprju dwar kif ghandha tigi interpretata xhieda li tkun detto del detto

Dan qed jinghad jekk *dato ma non concesso* wiehed jaghzel li jiddefinixxi x-xhieda tal-appellant u d-dokumenti li huwa ipprezenta bhala detto del detto

L-appellant assolutament ma jaqbilx li dak li huwa xehed kien detto del detto ghax dak li xehed kien:

**a) ikkonfermat u ikkorroborat mid-dokumenti li huwa esebixxa u**

**<u>b) kien ikkonfermat u ikkorroborat mill-istess Pulizija li iddikjarat li veru kienet giet konkluza Inkjesta Magisterjali u veru tali Inkjesta kienet ordnat passi kriminali kontra numru ta' persuni u li tali persuni kienu korrettement indikati fir-rikors promotur tal- isfida.</u>**

Imma b'sens ta' lealta lejn il-Qorti huwa ser jirreferi ghal dak li huwa l-principju li ghandu jiggwida l-interpretazzjoni ta' xiehda li tkun *hearsay:*

Fis-sentenza **f'Repubblika ta 'Malta vs Alexander Stojanovic tal-5 ta' Diċembru 2023 deciza mill-Qorti Kriminali** -

> *47. In his ninth preliminary plea the accused attacks the admissibility of parts of the testimony of Christiana Vella given on the 28th May 2021. particularly what was said by the said witness at folios 44 to 50 of the acts of the proceedings, since according to him this constitutes hearsay evidence and mitxt therefore be removed from the acts The accused maintains that this is not a question of mere relevance which therefore must be regulated by the trial judge and that hearsay evidence is non- evidence and would therefore prove to be prejudicial to the accused if admitted in the acts of the case. The Attorney General on the other hand rebuts that hearsay evidence is admisable in a court of law when it is not evidence of a fact per se but evidence of what someone said about something and not evidence about something which happened. The Attorney General points out that the part of Christiana Vellas testimony to which the accused is referring to is that where she is relating to what her daughter told her and it therefore cannot be excluded a priori at this stage of the proceedings because at trial stage the judge presiding the trial by jury would be able to point out and explain the rules pertaining to hearsay evidence to the jurors and only at that stage would it be possible to decide whether or not to discard hat*

*part of Christiana Vella's testimony which refers to what her daughter told her.*

*48. This issue insofar as as the hearsay evidence exclusionary rule is concerned was addressed by the Criminal Court in the Muka judgement where it was held that Article 645 of the Criminal Code rendered the provisions of Articles 598 and 599 of Chapter 12 of the Laws of Malta applicable to criminal procedure, and stated:*

*598(1) As a rule, the court shall not consider any testimony respecting facts the knowledge of which the witness states to have obtained from the relation or information of third persons who can be produced to give evidence of such facts.*

*(2) The court may, either ex officio or upon the objection of any party, rule out or disallow any question tending to elicit any such testimony.*

*(3) Nevertheless the court may require the witness to mention the person from whom he obtained knowledge of the facts to which any such question refers*

*599. The court may, according to circumstances, allow and take into consideration any testimony on the relation of third persons, where such relation has of itself a material bearing on the subject-matter in issue or forms part thereof; or where such third persons cannot be produced to give evidence and the facts are such as cannot otherwise be fully proved, especially in cases relating to births, marriages, deaths, absence, easements, boundaries, possession, usage, public historical facts, reputation or character, words or deeds of persons who are dead or absent and who had no interest to say or write a falsehood, and to other facts of general or public interest or of public notoriety.*

*i. This exclusionary rule was also addressed by the Criminal Court in* ***Ir- Repubblika ta 'Malta vs. George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat*** *in a judgment dated* ***30th October 2020*** *where reference was also made to a previous ruling in* ***Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Mario Azzopardi*** *handed down on the 24th October 2011:*

*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta 'natura kriminali huwa* ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** *fejn insibu dan il-kliem:*

*"Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay.*

*It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement.* ***It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made.*** *The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista 'jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna* ***mhix daqshekk assoluta.***

*U fil-fatt hekk qalet il-****Qorti Kostituzzjonali*** *hija u tiddeċiedi il-każ* ***Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija (13 ta 'Jannar 1988)*** *fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jithalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali.*

*Dan thalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fughom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

*Peress li d-depożizzjoni, li tista 'tkun hearsay, tista 'tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. (sottolinjar tal-Qorti)*

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: IrRepubblika versus Meinrad Calleja).*

*Recentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:* ***Appell Kriminali Ir-Repubblika ta 'Malta v. Meinrad Calleja, 26 ta 'Mejju 2005:***

*"Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet čara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setghet tittiehed bhala čirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal haddiehor."*

*Fil-limiti tal-użu li ghamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari.* ***Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta 'dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi čirkostanza li mehuda ma 'provi u čirkostanza ohra tista wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li tagħmel il-Qorti. '****(1 ta 'April 2011* ***'Il-Pulizija versus Fabio Schembri*** *preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri)."*

*Fis-sentenza tagħha tal-5 ta 'Lulju 2012 fl-istess ismijiet, mbaghad, il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk:*

*"18.... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif ank ki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta 'x'qal haddiehor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat.*

*Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bhala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bhala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jigi preżentat mhux bhala prova tal-kontenut tiegħu iżda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta 'data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u <u>huwa ammissibbli</u> ghal certi għanijiet legali legittimi bhal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jigi rapportat jew, fiċ- ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.*

*Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta 'xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda ddeċiżjoni dwar l-opportunita o meno li tithalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-gurija trid necessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont ic-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. (sottolinjar tal-Qorti)*

*21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill- Imhallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta 'kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta 'abbuż dik ir-regola għandha*

*tigi skartata. Ir- rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u cioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jhallix l-abbuż jigri suġġett dejjem għas-salvagward ahhari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li lImhallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi.*

*49. The ruling given by the Criminal Court in **Ir-Repubblika ta 'Malta vs. George Degiorgio, Alfred Degiorgio, Vincent Muscat** was confirmed by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) in its judgment of the **22nd September 2021** wherein it was held as follows:*

*Illi r-regola dwar il-hearsay evidence jehtieg li tkun ukoll, jekk mhux qabel kollox, vista mill-ottika ta 'dak li jigri fil-prattika u fl-assjem tal-process kriminali kollu. Meta xhud jirrakkonta l-verzjoni tieghu u jesprimi haga li qallu haddichor hemm l-impressjoni zbaljata li jew ilgudikant jew il- magistrat fil-vesti kumpilatorja jaqbzu fuqu u jiddikjaraw 1- inammissibilita 'ta 'dak li jkun qal. Dak li jigri fir-rejalta 'hu, bhal fil-kaz odjern, li l-ufficjal prosekutur qua shud, spjega kif gabar linformazzjoni kollha minghand l-esperti u s-subalterni tieghu u ta stampa tal- investigazzjoni sabiex, bhalma invariabilment jigri fi processi ta 'din in- natura, dak li jkun jista 'jaqbad art u jifhem ilkomplessita 'tal-kaz. Issa meta jixhed viva voce quddiem il-guri, xhud mhux necessarjament, anzi difficli, jirrakkonta kelma b'kelma u bl-istess sekwenza dak li jkun iddepona quddiem l-Istruttorja. Allura mhux inaspettat li jghid ukoll hwejjeg li jistghu jammontaw ghall-hearsay. U hafna drabi ukoll ma tqumx il-kwistjoni sakemm in kontro-ezami l-persuna fuq il-pedana tkun mistoqsija kif saret taf jew ma tafx dak li qalet hi stess jew jekk qalitx hekk ghaliex semghatu minghand terz jew terzi. X'jigri, f' dak il-kaz, iqum chaos shih waqt il-guri?; jkun xolt il-guri?; tintalab sottomissjoni u decizjoni dwar punt ta 'ligi fl-assenza tal-gurati? - xejn minn dan. Dak 1-"incident" ikun rimess ghall-gudizzju tal-gurati fil-hin tad-deliberazzjoni taghhom wara li l-*

*Imhallef, kif obbligat, jkun spjega lill-gurati r-regola tal-hearsay evidence u dik dwar il-valur probatorju sabiex jiddeciedu huma jekk dak li ntqal u li kien maghruf tramite terzi kienx segwit b'xhieda li jikkonfermaw il-kontenut ta 'dak li jkun ddepona x-xhud.*

*50. Based on the ruling in Mario Azzopardi (which judgement was also confirmed by the Court of Criminal Appeal collegially composed) and the George Degiorgio et ruling, this Court considers that that part of Christiana Vella's evidence referred to by the accused in his ninth preliminary plea cannot be declared as hearsay and inadmissable a priori and at this point in time when it still needs to be established whether the object of that evidence is not to establish the truth of the statement but the fact that it was made or whether it can be used to exercise control over other direct and admissable evidence.*

*51. In the light of the above considerations this Court is hereby rejecting the ninth preliminary plea*

Issa fis-sentenza **Ir-Repubblika ta 'Malta vs George Degiorgio et**, 22 Settembru 2021 decisa mill-Qorti tal-Appell Kriminali:-

*"vi. Illi r-regola dwar il-hearsay evidence jehtieg li tkun ukoll, jekk mhux qabel kollox, vista mill-ottika ta 'dak li jigri fil-prattika u fl-assjem tal-process kriminali kollu. Meta xhud jirrakkonta l-verzjoni tieghu u jesprimi haga li qallu haddiehor hemm l-impressjoni zbaljata li jew il-gudikant jew il-magistrat fil-vesti kumpilatorja jaqbzu fuqu u jiddikjaraw l-inammissibilita 'ta 'dak li jkun qal. Dak li jigri fir-rejalta hu, bhal fil-kaz odjern, li l-ufficjal prosekutur qua xhud, spjega kif gabar l-informazzjoni kollha minghand l-esperti u s-subalterni tieghu u ta stampa tal-investigazzjoni sabiex, bhalma invariabilment jigri fi processi ta 'din in-natura, dak li jkun jista 'jaqbad art u jifhem il-komplessita 'tal-kaz. Issa meta jixhed viva voce quddiem il-guri, xhud mhux necessarjament, anzi difficli, jirrakkonta kelma b'kelma u bl-*

*istess sekwenza dak li jkun iddepona quddiem llstruttorja. Allura mhux inaspettat li jghid ukoll hwejjeg li jistghu jammontaw ghall-hearsay. U hafna drabi ukoll ma tqumx il-kwistjoni sakemm in kontro-ezami 1- persuna fuq ilpedana tkun mistoqsija kif saret taf jew ma tafx dak li qalet hi stess jew jekk qalitx hekk ghaliex semghatu minghand terz jew terzi. Xjigri, fdak il-kaz, iqum chaos shih waqt ilguri?; jkun xolt il- guri?; tintalab sottomissjoni u decizjoni dwar punt ta 'ligi fl-assenza tal-gurati?-xejn minn dan.*

*Dak l-"incident" ikun rimess ghall-gudizzju tal-gurati fil-hin tad-deliberazzjoni taghhom wara li l-Imhallef, kif obbligat, jkun spjega lill-gurati r-regola tal-hearsay evidence u dik dwar il-valur probatorju sabiex jiddeciedu huma jekk dak li ntqal u li kien maghruf tramite terzi kienx segwit b'xhieda li jikkonfermaw il-kontenut ta 'dak li jkun ddepona x-xhud;"*

L-appellant jissottometti li tenut kont dan kollu mill-Qrati taghna, tenut li dak li xehed l-esponent quddiem l-Ewwel Qorti kien imbaghad IKKONFERMAT bil-gurament mill-istess xhieda tal-Prosekuzzjoni sija dwar il-kontentut tal-konkluzjoni ta' Inkjesta Magisterjali u sija dwar Mandati ta' Arrest li kellhom jinhargu, juri, jekk qatt kien hemm dubbju, li dak li xehed l-esponent kien ammissibbli bhala prova u ma kienx detto del detto.

Kienet il-verita u l-verita ammissibbli skond il-ligi.

L-esponent ma jistax jifhem skond dak li l-ligi trid u skond dak li l-Qrati tagħna stabbiliew dwar dak li sfidant ghandu jipprezenta b'success quddiem il-Qorti tal-Magistrati fi sfida, kif allura l-Ewwel Qorti cahdet fl-intier tieghu r-rikors promotur.

**<u>It-tmien aggravju</u>**

F'dan l-aggravju l-esponent jittama bil-qima li ha jkun qed juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, ghala l-Ewwel Qorti iddikjarat spropozitu legali meta qalet li

> "*Ghaldaqstant huma biss* ***l-artikoli 188, 83A u 48A tal-Kodici Kriminali*** *li jistghu jigu ikkunsidrati ghall-finijiet ta ' din l-isfida. Izda kif irrizulta minn l-istess talbiet ghal-* ***<u>mandati ta 'arrest dawn id-delitti huma komprizi u jinkwadraw direttament fl-akkuza principali tal-hasil tal-flus u ma jistgħux jigu ikkunsidrati b'mod izolat ghaliex huma konessi ma 'l-istess akkuza u mertu principali"</u>***

Qabel xejn: minn meta 'I hawn, kawza ta' sfida tigi deciza skond id-dicitura ta' mandat ta' arrest internazzjonali li c-cittadin privat huwa sajjem minnu u li f'dan il-kaz kien biss grazzi ghall-fiducja li jgawdi l-esponent li sar jaf bihom u esebihom?

L-esponent jissottometti li d-dicitura ta' mandat ta' arrest internazzjonali **m'hijiex** l-akkuza kriminali, fi kwalunkwe kaz, u li allura d-dicitura fil-mandat ta' arrest ma kellhiex tittiehed mill-Ewwel Qorti bhala r-riga li maghha titkejjel il-validita tal-isfida.

Ghax b'dan il-mod l-Ewwel Qorti effettivament ivvintat rekwizit gdid li ma johrogx mill- artiklu 541 tal-Kodici Kriminali, u dan l-appellant ma jaqbilx mieghu bil-qima ghax mhux skond il-ligi.

It-tieni nett: l-esponent jirrimarka li ghadu ma jistax jifhem kif, b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti, hija waslet ghall-konklużjoni li r-reati l-oħra li qed jiġu addebitati ma jistgħux jeżistu mingħajr ir-reat tal-hasil ta 'flus, u li dawn "*huma kompriżi u jinkwadraw direttament fl-akkuża principali*".

Assolutament mhux minnu li huma komprizi.

Lanqas il-Pulizija m'ghamlu dan l-argument quddiem l-Ewwel Qorti.

L-esponent huwa miblugh kif l-Ewwel Qorti waslet ghal tali konkluzjoni.

Dawn huma delitti *stand alone.* Dawn huma delitti, u cjoe il-falz ideologiku, l-assocjazzjoni kriminali u l-organizzazzjoni kriminali li jezistu u ghandhom hajja legali ***indipendentement*** mill-akkuza se mai ta' hasil ta' flus.

L-esponent ma jistax jifhem, u dan hu spropozitu kbir li l-Ewwel Qorti sfortunatament ikkomettiet, kif l-Ewwel Qorti agixxiet ta' investigatur u prosekutur fl-istess hin meta hija qabdet u iddecidiet, u dan minghajr ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward mill-Pulizija u kontra 1-interpretazzjoni l-iktar elementari tal-Kodici Kriminali, li l-artiklu 48A, 1-artiklu 83A u 1- artiklu 188 tal-Kap.9 kellhom ezistenza legali biss sakemm ikunu u ghax ikunu marbuta mal- hasil tal-flus.

Jistax l-appellant jirreferi bil-qima, ghall-kompletezza, ghall-artikolu 2(a) tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373) li jaqra:

> *Persuna tista 'tinsab hatja tad-delitt ta 'money laundering taht dan l-Att, anke fin- nuqqas ta 'sentenza ta 'qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attivita 'kriminali sottostanti, liema attivita 'kriminali tista 'tigi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova ohra,* ***minghajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall-attivita 'kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod prečit liema hija l-attività sottostanti.***

L-appellant jissottometti li bid-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-artikli 83A, 48A u 188 kienu komprizi fid-delitt ta' hasil ta' flus, hija qabdet u iddeciediet li huma predicate offences ghad- delitt ta' hasil ta' flus.

Meta dan ma johrog minn **imkien** mill-atti processwali. Il-proceduri ta' sfida ma kienux proceduri f'kumpilazzjoni jew eccezzjionijiet preliminari qabel guri, allura l-esponent mhux jifhem kifl-Ewwel Qorti setghet taqbad u tghid liema akkuzi kienu komprizi u involuti u f' lieta akkuzi.

Huwa fatt pacifiku li biex jiġi ippruvat il-hasil tal-flus, m'hemmx bżonn jiġi ippruvat x'inhu l- predicate offence.

Iżda dan ma jfissirx li r-reati l-ohra ma jissussistux bhala reati fihom infushom.

**Id-disa' aggravju**

**Dakinhar stess** li l-Ewwel Qorti kif presjeduta għaddiet biex tiddeċidi dwar il-kawża Repubblika vs Kummissarju tal-Pulizija billi ċaħdet it-talba tal-appellant, hija iddeċidiet kawża separata ta' challenge bl-isem *Martin Micallef et vs Kummissarju tal-Pulizija* li fiha l-ewwel Qorti għaddiet biex tagħmel it-test neċessarju u tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċiżjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-notitia criminis fuq raġunijiet ġustifikati jew le.

Fis-sentenza moghtija mill-istess l-Ewwel Qorti fl-istess jum u fuq l-istess principju fl-ismijiet ***Martin Micallef et vs Kummissarju tal-Pulizija***, l-istess Qorti tgħid hekk:

> "*Dan l-eżami ta 'sindakar da parti tal-Qorti almenu jeħtieġ*
>
> *(i) skrutinju tal-elementi fil-pussess tal-Pulizija u li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u*
>
> *(ii) tara jekk sal-grad prima faciae din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal Pulizija kinitx ġustifikata jew le.*"

Iktar tard qalet is-segwenti fis-sentenza ta' Martin Micallef:-

*"Illi kif tenniet din il-Qorti aktar il-fuq, l-iskop ta 'din il-Qorti huwa sabiex din il-Qorti taghmel forma ta 'judicial review fuq l-operat tal-pulizija sabiex tara jekk il-pulizija kellhiex sufficjenza probatorja sabiex jigu istitwiti proceduri li dwarhom kienet saret id-denunzja, rapport jew kwerela."*

*[...]*

*"Il-fatt li l-inkjesta ma dahhletx propju fuq ir-rwol ta 'G&P Borg Limited ma jfissirx u ma jeliminax il-fatt li l-pulizija xorta kellhom il-kapacita li jinvestigaw il-kwerela.*

*Illi minn meta giet intavolata l-kwerela irrizulta li langas tentattiv ta investigazzjoni ma kien hemm. Fil-fatt mix-xhieda jirrizulta li l-pulizija ifformaw opinjoni li n-nuqqas dwar il-kwalita ta 'l-ingenju xorta kien jaqa fuq*

***Illi l-Qorti ma taqbilx mal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward ghaliex kien jispetta ghall-Kummissarju tal-Pulizija li jagħmel investigazzjoni separata a bazi tal-kwerela u jara jekk hemm bazi prima facie sabiex jinhargu akkuzi kontra G&P Borg Limited kif indikat fil-kwerela. Illi dawn huwa zhall li kemm il-darba jigi repetut fl-istadju bejn investigazzjoni u decizjoni ghat- tehid ta 'proceduri. Il-ligi hija cara li r-rekwizit huwa jekk hemmx bazi prima facie bejn il-possibbli u l-probabbli u xejn iktar. M'hemm ebda diskrezzjoni morali jew opinjoni*** *u jispetta ghal-Qorti sabiex hi tiddertermina wara li jitressqu l-provi tara jekk hemmx il-grad rikjest mil-ligi tad-dubju dedatt mir- raguni u bl-akbar rispett sopossizjoni bhala din ghandha tigi ssustanzjata.*

*Illi jirrizulta wkoll li l-ezami u l-konkluzjoni li wasal ghalih il-Kummissarju tal- Pulizija huwa nieqes minn ezami legali tar-rekwizi ta 'l-istess imputazzjoni kif indikat l-isfidant."*

Fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet għaddiet biex taqta 'u tiddeċidi li tilqa 'r-rikors ġuramentat tal- isfidant f'Martin Micallef u tiddikjara li hemm prima facie lok għall-kwerela.

<u>L-appellant ma jistax ma jaghmilx paragun kif l-istess Qorti fl-istess jum iddecidiet bil-kontra ta' xulxin fuq l-istess principju zewg kazijiet ta' sfida (wahda minnhom din appellata f'dan l- appell umli).</u>

L-appellant ma jistax ma jinnutax li fil-kaz tas-sentenza *ta' Martin Micallef et vs Kummissarju tal-Pulizija*, l-Ewwel Qorti strahet fuq l-Inkjesta Magisterjali, fuq il-fatt li intbghatet kwerela u ghamlet analizi tal-aġir tal-Pulizija.

Pero u izda, fil-kaz tas-sentenza li qed tigi appellat mill-appellant, l-istess test ikkwotat mill- istess l-Ewwel Qorti fil-kawza u sentenza *ta' Martin Micallef et* **<u>lanqas biss ġie applikat.</u>**

Ghaldaqstant u fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, u b'riserva ghax-xhieda ammissibili u producibbili f'dan l-istadju, l-esponent jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mogħtija nhar l-erbatax (14) ta 'Jannar, 2025 fl-ismijiet *Repubblika vs Kummissarju tal-Pulizija* u minflok tghaddi biex issib li hemm *prima facie* lok ghad- denunzja/notitia criminis intavolata minn REPUBBLIKA sabiex din il-Qorti tordna lill-Pulizija tmexxi l-proceduri kriminali mehtiega mill-iktar fis kif indikat fir-rikors ta' sfida tal-esponenti appellantipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat id-digriet taghha datat 24 ta' Jannar 2025 fejn appuntat r-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-4 ta' Frar 2025.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali ghat-talba tar-rikorrenti u dan fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025.

**Ikkunsidrat,**

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' Repubblika li permezz tieghu qeghda tappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn it-talba taghha giet michuda.

Din il-procedura mgharufa bhala '*challenge*' saret fit-termini tal-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali u li jipprovdi is-segwenti:

> *'Jekk fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Ezekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-ordni li taghti ghaldaqshekk:'*

Fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Il-Kummissarju tal-Pulizija,**[1] il-procedura "*tac-challenge*" giet deskritta bhala procedura straordinarja u l-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet fl-ismijiet **Joseph Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija**[2] fejn kien intqal hekk:

[1] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2015.
[2] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 2003.

*'Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge - li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata - trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.*

*L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il- 4 kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.'*

Il-grad li jrid jintlahaq skond il-ligi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bazi o meno ghall-prosegwiment tal-azzjoni kriminali fil-konfront tal-kwerelat jew

denunzjat, hija dik tal-*prima facie*. Fid-digriet fl-ismijiet **Dr Karl Cutajar vs il-Kummissarju tal-Pulizija**[3] gie ritenut is-segwenti f'dan ir-rigward:

*'Hekk fid-deċiżjoni tagħha flismijiet* ***Anthony Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija*** *tat-23 ta' Settembru 2010, il-Qorti Kriminali qieset kif minn analiżi tal-ġurisprudenza Maltija jirriżulta kif għal dak li għandu x'jaqsam mal-grad tal-prima facie donnhom il-Qrati tagħna sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u għalhekk "jekk il-Maġistrat jidhirlu illi l-provi miġbura quddiemu jistħoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa biżżejjed sabiex il-grad tal-prima facie jiġi milħuq u l-kawza tkun tista' titkompla." Sabiex l-azzjoni kriminali tkompli miexja, l-eżerċizzju tal-Qorti m'għandux jinvolvi l-applikazzjoni tal-prinċipji u regoli enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, "x'temmen jew lil min temmen. Il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz kien sempliciment li tara jekk kienx hemm kaz prima facie, l-istess grad ta' prova, cioe`, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuża", u dan kif ingħad mill-Qorti Kriminali fil-każ fl-ismijiet* ***Carmel u Helen konjuġi Galea vs Kummissarju*** *tal-Pulizija tad-19 ta' Awwissu 2004. Jingħad ukoll kif sempliċi suspett ma jikkostitwixxix raġuni biżżejjed sabiex jiġi deċiż li hemm a case to answer.*

*25. Hawnhekk issir referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Struttorja fis16 ta' Lulju 1981, fl-ismijiet* ***The Police (Inspector John Suda) vs Alfred John Gaul****, li għamlet referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kanadiża fil-każ* ***R. v. Latta*** *tal-1961 dwar ir-responsabilita`*

[3] Deciz nhar id-29 ta' Jannar, 2025.

*tal-Maġistrat fl-għeluq tal-kumpilazzjoni u meta għalhekk jasal sabiex jiddeċiedi jekk ikunx hemm a case to answer fuq bażi prima facie:*

*"he must do more than decide that there is evidence for a jury to consider. In order to commit for trial, the evidence must be such as to cause him to form the opinion that the accused is probably guilty; if he has any doubt he must commit for trial. If there is no or insufficient evidence he must discharge the accused, but before doing so he must satisfy himself beyond all probabilities and be careful not to usurp the jury's functions and not to deal with the preponderance of evidence. If the evidence is such that, if presiding at a jury trial, he would direct a verdict of not guilty he must discharge the accused."*

*26. In oltre fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar 2006 flismijiet* ***Mark Charles Kenneth Stephens vs L-Avukat Ġenerali*** *ingħad hekk dwar l-irwol tal-Qorti Istruttorja fid-deċiżjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali u fuq il-grad ta' prima facie li abbażi tiegħu għandha tiddeċiedi:*

*"Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa millprosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-*

*elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza taloggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk ilfatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat ..."*

Illi in oltre, fid-digriet fl-ismijiet **Victor Sant vs il-Kummissarju tal-Pulizija**[4] din il-Qorti kif diversament ippreseduta ghamlet referenza ghal provvediment moghti nhar is-26 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet **Carmelo Turu Spiteri vs. Commissioner of Police**[5] fejn qalet hekk:

"That, as was stated in the judgment delivered by the Court of Magistrates on the 22nd. February 2016, in the names of **Anthony Camilleri v. Kummissarju tal-Pulizija** –

*"L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-notitia criminis magħmula lilha ... Il-livell ta' sodisfaċiment u suffiċjenza provdut mil-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ huwa li prima facie jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm prima facie lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni**... Jiġifieri wieħed mill-***

[4] Sfida Numru 2/2024/2, deciz nhar it-28 ta' Novembru, 2024.
[5] Sfida Numru 2/2023/3.

***eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-notitia criminis fuq raġunijiet ġustifikati jew le. Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti jeħtieġ li almenu jiġu sindikati l-elementi fil-pussess tal-Pulizija li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u tara jekk sal-grad prima facie din id-deċiżjoni kienetx ġustifikata jew le."*** *(emphasis by this Court)"*

**Ikkunsidrat**,

Illi dawn il-proceduri jafu l-bidu taghhom meta r-rikorrenti ghamlet talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tordna lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex imexxi bi proceduri mehtiega skond kif indikat mill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta tal-Pilatus Bank u dan ai termini l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali. Illi l-Magistrat Inkwerenti kkonkludha illi ghandhom johorgu akkuzi kriminali kemm taht il-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att kontra l-*Money Laundering*, kif ukoll taht Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali.

Illi minghajr telf ta' zmien din il-Qorti taghmel referenza ghal-legislazzjoni sussidjarja 90.1, li ggib l-isem Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispozizzjonijiet Tranzitorji). Ir-regolament 2 ta' din il-Legislazzjoni Sussidjarja jiipprovdi s-segwenti:

*2(1) Is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali kif provdut taħt l-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali għandhom sa fejn jirreferu għas-setgħa li jistitwixxi u jmexxi prosekuzzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja tapplika fir-rigward tar-reati elenkati fl-Iskeda.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (f) tal-partita 1 tal-Iskeda, is-setgħat u l-funzjonijiet msemmija fis-subregolament (1) għandhom ukoll japplikaw għal kwalunkwe reat akkużat flimkien ma' reat elenkat fl-Iskeda.*

L-ewwel skeda tibda billi tipprovdi hekk:

*'Setgħat tal-Avukat Ġenerali li jipprosekwixxi.*

1. *L-Avukat Ġenerali għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi istitwita prosekuzzjoni fil-kategoriji ta' reati li ġejjin meta l-akkużi għandhom jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja fi jew wara l-1 ta' Ottubru 2020:*

*(f) Reati ta' money laundering taħt l-artikolu 3 tal-Att kontra Money Laundering ħlief fejn tali reati huma prosekuti flimkien ma' reati kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*

In oltre, din l-istess skeda tkompli sabiex tipprovdi hekk:

2. *Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jiġi interpretat:*

*(a) li jeskludi l-Kummissarju tal-Pulizija jew xi awtorità pubblika oħra li għandha setgħat prosekutorji taħt xi liġi oħra milli jeżerċita jew milli jkompli jeżerċita s-setgħat msemmija wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Iskeda;*

Mandankollu, il-partita numru 3 sussegwentament tipprovdi hekk:

> ***3.(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-partita 2, il-Pulizija Eżekuttiva m'għandhiex fl-1 ta' Ottubru 2020 jew wara tistitwixxi jew tmexxi xi prosekuzzjoni għad-delitti elenkati fil-partita 1 fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' prosekuzzjoni li tkun ittieħdet mill-Avukat Ġenerali.***[6]

Illi din il-Qorti tghid illi d-dicitura tar-regolamenti sucitati mhux wahda cara u dan anke meta wiehed jikkunsidra kemm it-test malti, kif ukoll dak Ingliz. Din il-Qorti hija tal-fhema illi persuna ghandha tigi akkuzata bl-akkuzi kollha li jemanu mill-istess fatti, kollha flimkien u mhux b'mod spezzattat. Dan qed jinghad in vista tal-principju *ne bis in idem* kif ukoll dak provdut fl-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> *"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan **ma jistax ghall-istess fatt** ikun soggett ghal kawza ohra."*

*Di piu'* l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni wkoll jipprovdi li:

> *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xiqorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatjajew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reatjew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatjafil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjurimogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandhatgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:"*

Illi ghalhekk il-principju ta' *ne bis in idem*, huwa applikabbli meta l-individwu jkun gie pprocessat dwar l-istess fatti jew l-istess reati quddiem qorti tal-gustizzja.

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

**<u>Fl-Avukat Generali et vs Nicholas Magrin et</u>**[7] il-Qorti ghamlet referenza ghall-principju ta' *ne bis in idem,* filwaqt li ghamlet kemm referenza ghad-dispozizzjoni tal-Kodici Kriminali, kif ukoll dik tal-Kostituzzjoni:

> *1.11.1.v. Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fissentenza taghha **<u>Il-Pulizija vs Domenic Abela</u>**, datata t'12 ta' Dicembru, 2000:*
>
> *"Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, koknsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per ezempju, min f'okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata".*
>
> *1.11.1.vi. Illi tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh li:*
>
> ***1.11.1.vi.a. L-artiklu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-istess fatt;***
>
> ***1.11.1.vi.b. L-artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar l-istess reat;***
>
> *1.11.1.vii. Illi f'dan il-qasam tal-principju de quo hu pacifiku li japplika n-ne bis in idem meta:*
>
> *" <u>E there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgement on a different charge,</u>*

[7] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla nhar il-15 t' Ottubru, 2013.

> *but founded on the same act", (**ara Qorti ta' l-Appell Kriminali, Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar, deciza fil-15 ta' Novembru, 1941**);*

Il-principju tan-*ne bis in idem* ghalhekk ghandu applikazzjoni usa fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali milli fil-Kostituzzjoni.[8] Il-Professur Mamo jsostni illi sabiex sentenza tikkonstitwixxi impediment ghall-prosekuzzjonijiet sussegwenti, iridu jigu sodisfatti zewg kundizzjonijiet u cioe' li l-akkuzat ikun l-istess persuna u li l-akkuza li tigi wara trid tkun ibbazata fuq l-istess fatti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea**[9] l-akkuzati kienu gew mixlija b'adulterju, li dak iz-zmien kien jikostitwixxi reat. Huma kienu nstabu hatja izda gew ezentati minn piena stante li kien hemm mahfra *da parte* l-kwerelant. Dan ir-reat kien sehh quddiem minuri u ghalhekk sussegwentament il-prosekuzzjoni regghet ressqet lill-akkuzati bl-akkuza tal -korruzzjoni tal-minorenni. Madankollu, l-Qorti iddeciediet li l-eccezzjroni tar-*res judicata* kienet wahda ammissibli u dan ghaliex il-fatti kienu sostanzjalment l-istess.

Il-principju tan-*ne bis in idem* gie elaborat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**,[10] fejn il-Qorti pprovdiet hekk:

> *"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem*

[8] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Mahmud Abudumehdn Tarek**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Lulju, 2002.
[9] Deciza nhar il-15 ta' Gunju, 1918.
[10] Deciza is-26 ta' Marzu 2009 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali).

*ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha ljedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali." Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding ghar-rigward tat-thaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act." Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar 'il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) talKostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment. Illi imbaghad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, li jifforma parti milligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inheles kif ukoll jekk ikun instab hati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jaghmel eccezzjoni fil-kaz li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, kaz jista' jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu ghadhom kif irrizultaw, jew jekk fl-ewwel procediment ikun sehh xi "vizzju fondamentali", li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz.*

In oltre, l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni, li jifforma parti mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. Dan l-Artikolu jaghmel eccezzjoni f' kaz li jista' jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda jew jekk

fl-ewwel procediment ikun sehh xi vizzju fondamentali, li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz. Illi dan ma jirrizultax fil-kaz odjern.

Illi fi provediment ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta[11] saret referenza ghas-sentenzi sucitati kif ukoll ghas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Sergey Zolotuklin v Russia**[12] fejn gie stabbilit:

> *"Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquitted. The Court's inquiry should therefore focus on*

[11] Fl-atti tar-rikors ghall-in genere ta' Emanuel Delia numru tal-karta tal-identita' 0560176(M) u n-Nutar Dr. Robert Aquilina numru tal-karta tal-identita' 313178(M) f'isem Repubblika, organizzazzjoni registrata mar-Registratur ghal Persuni Guridici bl-ittri 'L' 'P' 'A' u numri wiehed tnejn tnejn (LPA-122) u malKummissarju ghall-Organizazzjonijiet Volontarji bl-ittir 'V' 'O' u numri wiehed sitta sebgha zero (VO 1670) pprezentat fl-04 ta' Ottubru 2019

[12] Applikazzjoni Numru 14939/03, datata l-10 ta' Frar, 2009.

*those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings";*

Din il-Qorti hija ben konxja li kien hemm xi divergenzi ta' kif gew decizi sentenzi ohrajn li jirrigwardjaw l-istess principji legali. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Christian Grech**[13] fejn il-Qorti fil-kuntest tan-*ne bis in idem* kienet qalet hekk dwar ir-reat tal-hasil tal-flus u reati ohra:

*'Issa fil-każ ta' llum, l-akkużat għaddej proċeduri fuq akkużi oħra fi proċeduri differenti - huma x'inhuma – iżda mhux ta' money laundering jew ħasil tal-flus. Il-fatt li wieħed ikun għaddej proċeduri fuq l-underlying criminal act ma jfissirx li ma jistax jiffaċċja proċeduri oħrajn fuq il-ħasil tal-flus. Wieħed jista' jisraq u jkun akkużat b'serq. Iżda jekk f'xi żmien – ukoll qabel ma jkunu ntemmu l-proċeduri ta' serq – huwa jittrasferixxi dak li seraq (per eżempju, billi jpoġġi s-somma ġo bank) m'hemm xejn x'iżomm lill-awtoritajiet li jieħdu proċeduri kontrih minħabba ħasil ta' flus.'*

*Ir-reat ta' serq mhux ir-reat ta' ħasil ta' flus u l-fatt tas-serqa mhux il-att tal-money laundering'*

Madankollu, tajjeb illi jinghad illi din is-sentenza giet deciza madwar tlettax-il sena ilu, fi zmien fejn l-Avukat Generali kien ghadu ma jassumix il-pozizzjoni ta' prosekutur f'certu kawzi u lanqas ghalhekk ma kienu jezistu r-regolamenti *supra* citati. In oltre, huwa minnu li jista' jigi argumentat illi l-fatti tar-reat tal-hasil tal-flus mhux bhall-fatti ta' reati ohrajn, izda fil-kaz odjern jezistu konkluzjonijiet t'inkjesta fejn l-individwi u r-reati li ghandhom jigu ssistitwi proceduri kontrihom, huma identifikati u emfasizzati b' mod car. In oltre, peress li meta giet konkluza l-inkjesta u cioe' fis-

[13] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-14 ta' Mejju, 2012.

sena 2021, l-Avukat Generali kien diga qed jassumi l-irwol ta' proskutur skont il-ligi, il-Magistrat Inkwerenti setgha ghadda sabiex jitlob biss lill-Avukat Generali sabiex imexxi kriminalment kontra l-persuni ndikati. <u>Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fhema illi b'mod partikolari ghal dan il-kaz, jekk ghandhom jigu mressqa certu persuni b'numru ta' akkuzi li jemergu minn l-istess fatti, dawn ghandhom isiru fl-istess waqt u dan specjalment sabiex ma tatix lok li b'xi mod jigu pregudikati proceduri futuri.</u>

Illi din il-Qorti hija ben konxja li l-Avukat Generali harget in-*nolle prosequi* ai termini tal-Artikolu 433 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta xi persuni f'dan il-kaz u li anke hemm proceduri pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Dan qed isir sabiex tigi mistharrga l-validita' tal-istess decizjoni tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward. Din tal-ahhar ma hargitx in-*nolle prosequi* fil-konfront tal-persuni kollha li skond l-inkjesta kellhom ikunu akkuzati u bl-ebda mod ma qalet li hija ma kienitx sejra tipprocedi kontra l-kumplament tal-persuni bir-reat tal-hasil tal-flus. Ghalhekk din il-Qorti zgur li ma tistax tassumi li l-Avukat Generali mhux sejra taghmel dan fil-futur. Illi jekk stess l-Avukat Generali tiddeciedi li ma ghandiex issir prosekuzzjoni fil-konfront tal-individiwi l-ohrajn, **din id-decizjoni tkun tista' tigi *challenged* quddiem il-Prim Awla, ai termini tal-Artikolu 469B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** [14]izda mhux quddiem din il-Qorti. In vista, ta dak kollu ritenut *supra* jsegwi illi din il-Qorti ma taqbilx illi l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jipprocedi billi jistitwixxi proceduri kriminali fir-rigward tar-reati li tippermettilu l-ligi.

Dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali li jitkellem b'mod car dwar '*il-Proċedura meta* ***<u>l-Pulizija Eżekuttiva</u>*** *ma tkunx trid tmexxi fuq ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela*'. In vista tal-ligijiet u r-regolamenti sucitati, il-Kummissarju tal-Pulizija jinstab pjutost b'idejh marbuta proceduralment u dan ghaliex kif diga gie ritenut hu ma jistax jistitwixxi proceduri ghall-delitti bhal hasil tal-flus fin-nuqqas ta' decizjoni ta' prosekuzzjoni li tkun ittiehdet mill-Avukat Generali.

[14] Enfasi ta din l Onorabbli Qorti

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti hija tal-fhema illi ghandha tieqaf hawn u ma tarax ghalxiex ghandha tidhol f'aggravji u kwistjonijiet ohra mqajma mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell maghmul mid-denunzjata u tikkonferma d-decizjoni appellata.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**